Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2021/0213(CNS)

8.4.2022

EMENDI
92 - 386

Abbozz ta' rapport
Johan Van Overtveldt
(PE719.624v01-00)

Riforma tal-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)

Proposta għal direttiva
(COM(2021)0563 – C9-0362/2021 – 2021/0213(CNS))

Emenda 92
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-objettiv primarju tat-tassazzjoni fuq l-enerġija huwa l-ambjent, il-bidla fix-xejriet tal-konsum u tal-investiment. Objettiv sekondarju iżda importanti huwa l-ġbir tad-dħul. It-tiftix ta' objettivi oħra ta' politika permezz tat-tassazzjoni fuq l-enerġija jista' jkollu impatt negattiv fuq l-objettivi primarji u sekondarji tagħha. Għalkemm jista' jkollha tali effett, it-tassazzjoni fuq l-enerġija mhijiex strument ta' politika ridistributtiv.

Or. en

Emenda 93
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-objettiv primarju tat-tassazzjoni fuq l-enerġija huwa l-ambjent, biex issir bidla fix-xejriet tal-konsum u tal-investiment. Madankollu, il-bidliet fit-tassazzjoni fuq l-enerġija jista' jkollhom impatt ridistributtiv, jiġifieri billi jaffettwaw l-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli. Dan jenħtieġ li jitqies f'din id-Direttiva, sabiex jiġi evitat li l-inugwaljanzi jaggravaw.

Or. en

Emenda 94

Nicola Beer, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[28]. It-tassazzjoni fuq l-enerġija tista' tikkontribwixxi ***għall-ambizzjoni ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif ukoll għall-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li*** t-tassazzjoni ***tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti aħjar l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***tal-enerġija għal dawk l-objettivi*** ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** tal-UE[29].	(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[28]. It-tassazzjoni fuq l-enerġija tista' tikkontribwixxi ***għall-miri l-ġodda tal-Unjoni dwar l-enerġija għall-2030. Madankollu, jibqa' essenzjali li l-politika tal-Unjoni dwar il-klima u t-tassazzjoni fuq l-enerġija jitqiesu bħala żewġ aspetti differenti. Għalhekk, wieħed jara*** t-tassazzjoni ***fuq l-enerġija tal-Unjoni bħala għodda li tinċentiva l-iżviluppi tal-politika newtrali għall-klima***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** tal-UE[29].
[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.	[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.
[29] 14861/19 tal-5 ta' Diċembru 2019.	[29] 14861/19 tal-5 ta' Diċembru 2019.

Or. en

Emenda 95
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli	(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli

ċari ta’ tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku ***jkompli*** jikkontribwixxu ***għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern*** filwaqt li ***fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”***[28]. It-tassazzjoni fuq l-enerġija ***tista’*** tikkontribwixxi ***għall-ambizzjoni ta’ tnaqqis ta’ mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990***, kif ukoll għall-objettiv ta’ tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti ***aħjar*** l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent ***u fuq is-saħħa***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***tal-enerġija tal-UE***[29].

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta’ Diċembru 2019.

[29] 14861/19 tal-5 ta’ Diċembru 2019.

ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku ***jkomplu*** jikkontribwixxu ***għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u l-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"***[28] filwaqt li ***jiġi żgurat ukoll li l-unitajiet domestiċi kollha tal-Unjoni, u b'mod partikolari dawk b'introjtu aktar baxx, ikollhom aċċess għal dawk il-prodotti***. It-tassazzjoni fuq l-enerġija ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi ***għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-kisba ta' miri dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza*** , kif ukoll għall-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti ***bir-reqqa*** l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent***, is-saħħa u l-bijodiversità***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija tal-UE***.

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

Or. en

Emenda 96
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta’ tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla	(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla

xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”[28]. It-tassazzjoni fuq l-enerġija ***tista’*** tikkontribwixxi ***għall-ambizzjoni ta’ tnaqqis ta’ mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990***, kif ukoll għall-objettiv ta’ tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti ***aħjar*** l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent ***u fuq is-saħħa***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** tal-UE[29].

xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[28] ***u l-proposti leġiżlattivi li joħorġu minnu***. It-tassazzjoni fuq l-enerġija ***jenħtieġ li*** tikkontribwixxi ***għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-kisba ta' miri dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija***, kif ukoll għall-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti ***bir-reqqa*** l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent***, is-saħħa u l-bijodiversità***. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** tal-UE[29].

---

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta’ Diċembru 2019.

[29] 14861/19 tal-5 ta’ Diċembru 2019.

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

[29] 14861/19 tal-5 ta' Diċembru 2019.

Or. en

Emenda 97
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta’ tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”[28]. It-tassazzjoni fuq	(3) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li regoli ċari ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku jkompli jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw l-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[28]. It-tassazzjoni fuq

l-enerġija tista’ tikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta’ tnaqqis ta’ mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif ukoll għall-objettiv ta’ tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti aħjar l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***tal-enerġija*** tal-UE[29].

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta’ Diċembru 2019.

[29] 14861/19 tal-5 ta’ Diċembru 2019.

l-enerġija tista' tikkontribwixxi għall-ambizzjoni ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif ukoll għall-objettiv ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, billi jiġi żgurat li t-tassazzjoni ***ġusta*** tal-karburanti, tal-fjuwils għat-tisħin u tal-elettriku tirrifletti aħjar l-impatt li dawn għandhom fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** għal dawk l-objettivi ġiet approvata bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-qafas tat-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** tal-UE[29].

[28] COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

[29] 14861/19 tal-5 ta' Diċembru 2019.

Or. pt

Emenda 98
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Irene Tinagli, Margarida Marques, Elisabetta Gualmini, Eva Kaili, Pedro Marques, Pedro Silva Pereira, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Ir-reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda ftit li xejn kellhom alternattiva ħlief li jibnu l-kompetittività ekonomika tagħhom bl-appoġġ tat-trasport bl-ajru, filwaqt li ppermettew u ppromwovew flussi ekonomiċi ewlenin u muturi oħra tal-iżvilupp ekonomiku abilitati minn servizzi tal-ajru effiċjenti u bi prezzijiet raġonevoli. Il-konnettività mtejba bl-ajru ġabet magħha benefiċċji ekonomiċi usa', lil hinn minn dawk li huma ta' benefiċċju għall-utenti immedjati tan-networks tat-trasport bl-ajru. Lil hinn minn dawk li jistgħu jitqiesu benefiċċji ekonomiċi diretti tal-avjazzjoni, il-konnettività bl-

ajru bejn l-Istati Membri sservi bħala katalist essenzjali għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri soċjali. Il-konnessjonijiet bl-ajru li jgħaqqdu lill-Istati Membri ċentrali mar-reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda jkomplu jagħtu kontribut vitali għat-tkabbir ekonomiku.

Or. en

Emenda 99
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Huwa essenzjali li d-Direttiva timplimenta l-prinċipji li jirriżultaw mill-istrateġija tal-Unjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, u b'hekk tirrifletti fid-dispożizzjonijiet tagħha l-prijorità kaskata biex l-ewwel jiġu promossi l-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija fl-ekonomija kollha, sussegwentement l-elettrifikazzjoni rinnovabbli diretta u għal dawk l-applikazzjonijiet li ma jistgħux jitnaqqsu bl-ebda mod ieħor, l-użu ta' fjuwils ibbażati fuq sorsi rinnovabbli sostenibbli, kif ukoll it-titjib fl-użu tas-sħana u l-ħżin biex titrawwem aktar integrazzjoni bejn is-setturi, u b'hekk tiġi appoġġata t-tranżizzjoni enerġetika u tingħata spinta lill-parteċipazzjoni taċ-ċittadini filwaqt li l-kostijiet għall-awtoritajiet u ċ-ċittadini tal-Unjoni jinżammu f'limiti għall-but ta' kulħadd.

Or. en

Emenda 100
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Irene Tinagli, Margarida Marques, Elisabetta Gualmini, Eva Kaili, Pedro Marques,

Pedro Silva Pereira, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Sakemm enerġija aktar nadifa ssir disponibbli permezz ta' avvanzi teknoloġiċi, il-kontribwenti huma mħeġġa jikkunsmaw b'mod intelliġenti u jużaw it-trasport li jikkonsma inqas fjuwils fossili. Madankollu, sakemm ikunu disponibbli alternattivi aktar ekoloġiċi, ir-reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda se jkunu fi żvantaġġ ekonomiku meta mqabbla ma' dawk ċentrali. Ir-reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda jenħtieġ li ma jiġux diskriminati peress li fil-futur qrib mhux se jkollhom alternattivi tat-trasport li huma aktar ekoloġiċi mit-trasport bl-ajru. Iċ-ċittadini u n-negozji fil-gżejjer u fil-periferija jenħtieġ li jkomplu jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' konnettività ekwivalenti bħall-kontropartijiet tagħhom f'żoni aktar ċentrali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 101
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Eva Kaili, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ambjentali tista’ tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.	(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni***, filwaqt li jiġu ppreservati l-flessibbiltà u s-sovranità tal-Istati Membri fuq il-prerogattivi tat-taxxa, mhux l-inqas fir-rigward tal-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni insulari,***

periferiċi u mbiegħda tagħhom.

Or. en

Emenda 102
Nicola Beer, Olivier Chastel, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.	(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni. ***Għal dak il-għan, din id-Direttiva jenħtieġ li trawwem l-effiċjenza fl-enerġija b'mod teknoloġikament newtrali, filwaqt li jenħtieġ li jingħataw sinjali tal-prezz tas-CO2 mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.***

Or. en

Emenda 103
Eva Kaili

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.	(4) It-tassazzjoni ambjentali tista' tkun mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni***, filwaqt li jiġu ppreservati l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni u l-flessibbiltà u s-sovranità tal-Istati Membri fuq il-prerogattivi tat-taxxa, mhux l-inqas fir-rigward tal-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-***

reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda tagħhom.

Or. en

Emenda 104
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ***ambjentali*** tista' tkun mezz ***kosteffettiv*** biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni ***dwar*** dik it-tassazzjoni.	(4) It-tassazzjoni ***fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku*** tista' tkun mezz ***effettiv, f'termini ta' kost,*** biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni ***għal tali tassazzjoni, regoli li huma ġusti, effiċjenti, ibbilanċjati, proporzjonati u trasparenti.*** Dik it-tassazzjoni ***għandha tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali esklużivi tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika tat-taxxa***.

Or. pt

Emenda 105
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ambjentali ***tista' tkun mezz kosteffettiv*** biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira***. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni***.	(4) It-tassazzjoni ambjentali ***hija mezz*** biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira***, itejbu l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija u jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli***.

Or. en

Emenda 106
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) It-tassazzjoni ambjentali ***tista' tkun*** mezz kosteffettiv biex l-Istati Membri jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.	(4) It-tassazzjoni ambjentali ***hija*** mezz kosteffettiv biex ***l-Unjoni u*** l-Istati Membri ***jsiru indipendenti fl-enerġija u*** jilħqu t-tnaqqis tal-gassijiet serra fil-mira***, itejbu l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza tal-enerġija, filwaqt li jixprunaw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli***. Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi regoli komuni dwar dik it-tassazzjoni.

Or. en

Emenda 107
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Din id-Direttiva u r-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom ikunu allinjati aħjar biex jiggarantixxu pprezzar effettiv tal-karbonju madwar l-Unjoni u bejn is-setturi. Prezz minimu tal-karbonju, introdott permezz ta' din id-Direttiva, jikkomplementa r-riforma tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u jgħin biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 b'mod kosteffiċjenti.

Or. en

Emenda 108
Claude Gruffat

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-introduzzjoni ta' prezz minimu għall-karbonju f'din id-Direttiva tippermetti t-tnaqqis tal-prezz tal-karbonju stabbilit fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq stabbilit skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja.

Or. en

Emenda 109
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw it-tassazzjoni ***tal-enerġija*** fuq il-karburanti, il-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku għal diversi skopijiet mhux neċessarjament u lanqas speċifikament jew esklużivament relatati mat-tnaqqis tal-gassijiet serra.	(5) Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw it-tassazzjoni ***fuq l-enerġija*** fuq il-karburanti, il-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku għal diversi skopijiet mhux neċessarjament u lanqas speċifikament jew esklużivament relatati mat-tnaqqis tal-gassijiet serra. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi garantita l-possibbiltà li jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.***

Or. en

Emenda 110
Caroline Nagtegaal, Nicola Beer

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw id-dħul miksub mit-tassazzjoni tal-pitrolju u tal-fjuwil tal-bastimenti sabiex jappoġġaw investimenti sostenibbli fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu u biex jassistu lil dawn is-setturi biex jilħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għas-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni, id-dħul mit-taxxa rilevanti jista' jkun sors ta' finanzjament għall-Fond Ewropew għall-passaġġi fuq l-ilma interni.[1a] Jenħtieġ li dan il-Fond jinkludi sistema ta' punt uniku ta' servizzi li jkun faċilment aċċessibbli għall-għajnuna u l-assistenza u li jkollu l-possibbiltà li jgħaqqad il-proġetti f'applikazzjoni waħda, u b'hekk jiżdiedu l-possibbiltajiet ta' finanzjament. Il-Fond jenħtieġ li jikkomplementa l-fondi ta' riżerva eżistenti maħluqa fi ħdan ir-Regolament (UE) 546/20149, b'kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni u nazzjonali, sabiex jittieħed vantaġġ minn aktar investimenti mill-industrija u biex jiġi indirizzat id-distakk attwali fl-investiment li qed joqrob l-EUR 10 biljun fil-finanzjament tat-tranżizzjoni sostenibbli.[1b] Jenħtieġ li l-Fond jipprevedi l-possibbiltà ta' taħlit mal-FNE, u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, inkluż il-Fond ta' Koeżjoni, u strumenti ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
	[1a] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021 Lejn trasport fl-ilmijiet navigabbli interni adegwat għall-eżiġenzi futuri fl-Ewropa (2021/2015(INI)), p. 14. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "NAIADES III" (COM(2021)0324), p. 13
	[1b] Development Centre for Ship Technology and Transport Systems (DST), Assessment of technologies in view of zero-emission IWT (Valutazzjoni ta' teknoloġiji bil-għan ta' passaġġi fuq l-

ilma interni b'emissjonijiet żero), parti mill-istudju ġenerali tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ix-Xmara Renu bit-titlu Financing the energy transition towards a zero-emission European IWT sector (Il-Finanzjament tat-tranżizzjoni enerġetika lejn settur Ewropew tal-passaġġi fuq l-ilma interni b'emissjonijiet żero), Rapport Nru 2293, p. 95.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba ż-żieda fil-pressjoni tal-miżuri klimatiċi meħtieġa u sabiex tiġi limitata l-possibbiltà ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, is-setturi għandhom jiġu appoġġati fit-tranżizzjoni enerġetika tagħhom. L-istabbiliment ta' Fond tal-UE għall-Passaġġi fuq l-Ilma Interni jkun azzjoni konkreta f'dan ir-rigward.

Emenda 111
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta' tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri ***tista' tkun*** ta' detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern.	(6) Differenzi sostanzjali dwar livelli nazzjonali ta' tassazzjoni fuq l-enerġija minn Stati Membri ***jistgħu jkunu*** ta' detriment għall-funzjonament kif suppost tas-suq intern ***kif ukoll għall-kisba tal-miri tal-klima u l-enerġija. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat ukoll li l-livell ta' tassazzjoni tas-sorsi tal-enerġija ma jirriflettix l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-prezz tal-prodotti tal-enerġija ma jirriflettix l-ispiża ambjentali tal-emissjonijiet***.

Or. en

Emenda 112

Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Margarida Marques, Eva Kaili, Pedro Marques, Pedro Silva Pereira, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Għar-reġjuni insulari li ma għandhomx konnessjonijiet bit-triq, bil-ferrovija jew b'pont mal-Ewropa kontinentali, u għar-reġjuni periferiċi u mbiegħda, speċjalment dawk b'ekonomija li tiddependi ħafna fuq it-turiżmu, jenħtieġ li t-taxxa fuq il-pitrolju titneħħa għal titjiriet lejn u minn tali reġjuni, matul l-ewwel ħames snin, u mbagħad jenħtieġ li tiżdied f'ħames passi ndaqs annwali fil-ħames snin ta' wara biex jintlaħqu l-livelli miksuba għat-titjiriet kollha fl-aħħar tal-perjodu ta' għaxar snin. Jenħtieġ li jittieħdu l-passi kollha ta' prekawzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe "détournement de trafic" (devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali) fl-użu tal-pitrolju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The tax on aviation fuel as proposed will crucially affect the competitiveness of insular, peripheral and remote regions, which have no road, rail or bridge alternatives by which to maintain connectivity with the European mainland, especially when tourism accounts for a significant proportion of their economy. Such territories need to be given a breathing space (of five years) in order to provide them with a chance of maintaining some degree of competitiveness before taxes on the aviation fuel used to reach them by air begin to be introduced. Commenced as of the sixth year, taxation levels would then reach over five years, the same levels applicable to all other territories in the Union.

Emenda 113
Eva Kaili

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Għal reġjuni mbiegħda, periferiċi u insulari, u għal territorji b'arċipelagi mdaqqsa li m'għandhomx konnessjonijiet diretti bit-triq, bil-ferrovija jew b'pont mal-Ewropa kontinentali, u li l-ekonomija tagħhom tiddependi ħafna fuq it-turiżmu, it-taxxa fuq il-pitrolju se titneħħa għal titjiriet lejn u minn tali reġjuni u territorji, matul l-ewwel għaxar snin, u mbagħad se tiżdied f'ħames passi ndaqs annwali fil-ħames snin ta' wara biex jintlaħqu l-livelli miksuba għat-titjiriet kollha fi tmiem il-perjodu ta' ħmistax-il sena.

Or. en

Emenda 114
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Bħala sieħba tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Unjoni rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi . It-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u, fejn xieraq, tal-elettriku hija waħda mill-istrumenti disponibbli biex jinkisbu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi .	***imħassar***

Or. en

Emenda 115
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li f'kull ħin l-Istati Membri	(11) Jenħtieġ li f'kull ħin l-Istati Membri

jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stipulati fl-anness fir-rigward ta’ prodotti differenti għal kull użu partikolari sabiex tiġi żgurata struttura ta’ rati mfassla għall-ambjent. ***Jenħtieġ li l-livelli minimi tat-tassazzjoni tal-enerġija jiġu allinjati awtomatikament kull sena biex titqies l-evoluzzjoni tal-valur reali tagħhom sabiex jiġi ppreservat il-livell kurrenti ta’ armonizzazzjoni tar-rati u għaldaqstant titnaqqas il-volatilità li tirriżulta mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel.*** Jenħtieġ li ***dan l-allinjament isir abbażi tat-tibdil fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur madwar l-Unjoni kollha minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikat mill-Eurostat***.

jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-anness fir-rigward ta' prodotti differenti għal kull użu partikolari sabiex tiġi żgurata struttura ta' rati mfassla għall-ambjent. ***L-Istati Membri*** jenħtieġ li ***ma jkunux obbligati li jirreplikaw ir-relazzjonijiet bejn il-livelli differenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-replikazzjoni mhux biss tal-klassifikazzjoni iżda wkoll tar-relazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni tkun kontroproduttiva. Minħabba l-fatt li fjuwils fossili konvenzjonali (il-faħam, iż-żejt għat-tisħin, id-diżil u l-petrol) fil-livell nazzjonali huma attwalment spiss soġġetti għal rati ta' taxxa fuq is-sisa ferm ogħla mil-livelli minimi tal-ETD, ir-replikazzjoni ta' din ir-relazzjoni tista' f'xi Stati Membri twassal għal żidiet sinifikanti fir-rati ta' fjuwils alternattivi, bħal-LPG, il-gass naturali u l-LNG iżda wkoll il-bijogass sostenibbli. Din ikollha konsegwenzi soċjali negattivi u tagħmel ħsara lit-tranżizzjoni enerġetika.

Emenda 116
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li f’kull ħin l-Istati Membri jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif stipulati fl-anness fir-rigward ta’ prodotti differenti għal kull użu partikolari sabiex tiġi żgurata struttura ta’ rati mfassla għall-ambjent. ***Jenħtieġ li l-livelli minimi tat-tassazzjoni tal-enerġija jiġu allinjati awtomatikament kull sena biex titqies l-evoluzzjoni tal-***	(11) Jenħtieġ li f'kull ħin l-Istati Membri jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-anness fir-rigward ta' prodotti differenti għal kull użu partikolari sabiex tiġi żgurata struttura ta' rati mfassla għall-ambjent.

valur reali tagħhom sabiex jiġi ppreservat il-livell kurrenti ta' armonizzazzjoni tar-rati u għaldaqstant titnaqqas il-volatilità li tirriżulta mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel. Jenħtieġ li dan l-allinjament isir abbażi tat-tibdil fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur madwar l-Unjoni kollha minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikat mill-Eurostat.

Or. en

Emenda 117
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' xi prodotti jew użi, ***jenħtieġ*** perjodu tranżizzjonali ta' applikazzjoni.	(12) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' xi prodotti jew użi, ***jista' jkun meħtieġ*** perjodu tranżizzjonali ta' applikazzjoni.

Or. en

Emenda 118
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' xi prodotti jew użi, ***jenħtieġ*** perjodu tranżizzjonali ta' applikazzjoni.	(12) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' xi prodotti jew użi, ***jista' jkun meħtieġ*** perjodu tranżizzjonali ta' applikazzjoni. ***Madankollu, l-emerġenza klimatika tirrikjedi implimentazzjoni rapida tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-***

Direttiva.

Or. en

Emenda 119
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bħala prinċipju ġenerali, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw livelli ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti mid-Direttiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-Unjoni billi jikkonsidraw il-piż tat-taxxi kollha indiretti li huma għażlu li japplikaw (imma teskludi l-VAT).	(13) Bħala prinċipju ġenerali, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw livelli ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti mid-Direttiva***, sabiex joħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll il-kompetittività***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-Unjoni billi jikkonsidraw il-piż tat-taxxi kollha indiretti li huma għażlu li japplikaw (imma teskludi l-VAT).

Or. en

Emenda 120
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Arranġamenti fiskali magħmula b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan il-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F'dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju tan-newtralità fiskali jista' jikkontribwixxi għar-ristrutturar u l-immodernizzar tas-	(14) Arranġamenti fiskali magħmula b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan il-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F'dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju tan-newtralità fiskali jista' jikkontribwixxi għar-ristrutturar u l-immodernizzar tas-

sistema tagħhom ta’ tassazzjoni billi jinkoraġġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar tal-ambjent u li jżid ix-xogħol.	sistema tagħhom ta' tassazzjoni billi jinkoraġġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar tal-ambjent u li jżid ix-xogħol. ***Is-sistema tat-taxxa jenħtieġ li titfassal b'mod li tevita impatt negattiv fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.***

Or. en

Emenda 121
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Arranġamenti fiskali magħmula b’konnessjoni mal-implimentazzjoni ta’ dan il-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni ta’ prodotti tal-enerġija u l-elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F’dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta’ dan il-prinċipju tan-newtralità fiskali jista’ jikkontribwixxi għar-ristrutturar u l-immodernizzar tas-sistema tagħhom ta’ tassazzjoni billi jinkoraġġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar tal-ambjent u li jżid ix-xogħol.	(14) Arranġamenti fiskali magħmula b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan il-qafas tal-Unjoni għat-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku huma suġġett għal kull Stat Membru li jiddeċiedi. F'dan ir-rigward, Stati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jgħollux il-piż globali tat-taxxa jekk huma jikkonsidraw li l-implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju tan-newtralità fiskali jista' jikkontribwixxi għar-ristrutturar u l-immodernizzar tas-sistema tagħhom ta' tassazzjoni billi jinkoraġġixxi aġir li jwassal għall-protezzjoni ikbar tal-ambjent***, inkluż billi jixprunaw l-adozzjoni ta' sorsi rinnovabbli ta' enerġija u l-effiċjenza enerġetika,*** u li jżid ix-xogħol. ***Huwa mħeġġeġ bil-qawwa li s-sistema tat-taxxa titfassal b'tali mod li n-natura rigressiva potenzjali tad-direttiva dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija tiġi minimizzata u fejn meħtieġ ikkumpensata permezz ta' progressività qawwija tas-sistema tat-taxxa, flimkien ma' politiki ridistributtivi.***

Or. en

Emenda 122

Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) L-impatt medju tal-proposta attwali fuq il-benesseri huwa stmat li huwa limitat ħafna fl-Istati Membri kollha. Minħabba li l-elettriku jikkostitwixxi sehem kbir tan-nefqa tal-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, it-tnaqqis propost fir-rata tat-taxxa fuq l-elettriku għandu impatti sostanzjalment progressivi fuq id-distribuzzjoni fl-UE kollha u d-distribuzzjoni fl-Istati Membri kollha li jkunu jeħtieġu japplikaw tali tnaqqis.

Or. en

Emenda 123
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki dwar enerġija, trasport u ambjent fl-Unjoni .	(15) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki dwar enerġija, trasport u ambjent fl-Unjoni***. Fil-kuntest ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija minħabba l-volatilità fis-swieq internazzjonali tal-fjuwils fossili, huwa mfakkar li l-Istati Membri jistgħu jtaffu ż-żieda fil-prezzijiet bl-imnut għal unitajiet domestiċi u mikrointrapriżi vulnerabbli billi, fost l-oħrajn, inaqqsu t-taxxi u l-imposti fil-kontijiet tal-enerġija tal-konsumaturi, kif previst mid-Direttiva (UE) 2019/944 (id-Direttiva dwar is-Suq għall-Elettriku) u kif imfakkar ukoll fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2021 dwar l-indirizzar taż-***

żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ.

Or. en

Emenda 124
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki dwar enerġija, trasport u ambjent fl-Unjoni .	(15) Prezzijiet fuq l-enerġija huma elementi importanti għall-politiki dwar enerġija, trasport u ambjent fl-Unjoni***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu prezzijiet bl-imnut u marġnijiet ta' profitt taħt ir-riżultat tas-suq f'ċerti sitwazzjonijiet, jiġifieri f'perjodi ta' inċertezza għolja, volatilità għolja, jew it-tnejn fis-swieq internazzjonali tal-fjuwils fossili***.

Or. en

Emenda 125
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Il-possibbiltà li jiġu applikati rati nazzjonali differenzjati ta' tassazzjoni għall-istess prodott jenħtieġ li tkun permessa f'ċerti ċirkostanzi meta dik il-miżura tkun maħsuba biex tippermetti aċċess ugwali għal dawk il-prodotti għall-unitajiet domestiċi kollha u biex tippromwovi t-trasport pubbliku.

Or. en

Emenda 126
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jenħtieġ li t-tassazzjoni fuq l-enerġija tapplika biss għall-konsum finali, u li la l-użu tal-enerġija fil-katina tal-valur tal-enerġija u lanqas kwalunkwe forma ta' konverżjoni jew ħżin ma jiġu ntaxxati. Dak il-prinċipju jenħtieġ li japplika għall-forom kollha ta' proċessi ta' konverżjoni tal-enerġija u għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport u l-ħżin ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku. Il-konverżjoni, f'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-tinftiehem bħala l-proċess ta' konverżjoni ta' forma waħda ta' enerġija f'oħra, bħall-użu tal-gass naturali biex jiġi ġġenerat l-elettriku jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettriku jew mill-gass naturali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan għandu jevita t-tassazzjoni doppja. Għall-kuntrarju tal-fjuwils fossili li jiġu estratti mill-minjieri, jiġu prodotti fjuwils b'emissjonijiet baxxi kif ukoll l-elettriku. Għalhekk, jeħtieġ li l-inputs ma jiġux intaxxati, iżda biss ir-riżultat tal-produzzjoni.

Emenda 127
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Nicola Beer, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Jenħtieġ li t-tassazzjoni fuq l-enerġija tapplika biss għall-konsum finali, u li la l-użu tal-enerġija fil-katina tal-valur tal-enerġija u lanqas kwalunkwe forma ta' konverżjoni jew ħżin ma jiġu

	ntaxxati. Dak il-prinċipju jenħtieġ li japplika għall-forom kollha ta' proċessi ta' konverżjoni tal-enerġija u għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport u l-ħżin ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-konverżjoni tinftiehem bħala l-proċess ta' konverżjoni ta' forma waħda ta' enerġija f'oħra, bħall-użu tal-gass naturali biex jiġi ġġenerat l-elettriku jew il-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettriku jew mill-gass naturali.

Or. en

Emenda 128
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Prodotti tal-enerġija użati bħala karburant għal ċerti għanijiet u dawk użati bħala fjuwil għat-tisħin huma normalment intaxxati b'rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti tal-enerġija użati bħala propellant. Jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta' enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, ***partikolarment*** fis-settur tat-trasport. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni għall-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi bħall-iskopijiet ta' tisħin matul iż-żmien meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(18) Prodotti tal-enerġija użati bħala karburant għal ċerti għanijiet u dawk użati bħala fjuwil għat-tisħin huma normalment intaxxati b'rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti tal-enerġija użati bħala propellant. Jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta' enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, ***inkluż*** fis-settur tat-trasport ***u għat-tisħin u t-tkessiħ***. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni għall-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi bħall-iskopijiet ta' tisħin ***u tkessiħ*** matul iż-żmien meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 129
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Prodotti tal-enerġija użati bħala karburant għal ċerti għanijiet u dawk użati bħala fjuwil għat-tisħin huma normalment intaxxati b'rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti tal-enerġija użati bħala propellant. Jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta' enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, partikolarment fis-settur tat-trasport. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni għall-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi bħall-iskopijiet ta' tisħin matul iż-żmien meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	(18) Prodotti tal-enerġija użati bħala karburant għal ċerti għanijiet u dawk użati bħala fjuwil għat-tisħin huma normalment intaxxati b'rati iktar baxxi minn dawk applikabbli fuq prodotti tal-enerġija użati bħala propellant. Jenħtieġ li l-elettriku dejjem ikun fost l-inqas sorsi ta' enerġija ntaxxati bil-ħsieb li jitrawwem l-użu tiegħu, partikolarment fis-settur tat-trasport. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni għall-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi bħall-iskopijiet ta' tisħin matul iż-żmien meħtieġ wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa u tadotta att delegat biex tissupplimenta din id-Direttiva b'qafas ta' ċertifikazzjoni komuni li jidentifika l-oriġini tal-elettriku kkunsmat.***

Or. en

Emenda 130
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn id-dħul kummerċjali u dak mhux kummerċjali kif ukoll l-użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku.	***imħassar***

Or. pt

Emenda 131
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn id-dħul kummerċjali u dak mhux kummerċjali kif ukoll l-użu kummerċjali u dak*** mhux kummerċjali ***għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku***.	(19) ***L-Istati Membri jista' jkollhom bżonn li jagħmlu differenza bejn dħul kummerċjali u dak li mhuwiex. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jużaw dik il-possibbiltà biex inaqqsu d-differenza bejn tassazzjoni fuq in-nafta*** mhux kummerċjali ***użata bħala propellant u l-petrol***. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li l-użu kummerċjali u l-użu mhux kummerċjali tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku jiġu ttrattati b'mod differenti għal finijiet ta' taxxa.***

Or. en

Emenda 132
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) ***Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li ma ssir l-ebda distinzjoni bejn id-dħul*** kummerċjali ***u dak mhux kummerċjali kif ukoll*** l-użu kummerċjali u ***dak*** mhux kummerċjali ***għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku***.	(19) ***L-Istati Membri jista' jkollhom bżonn li jagħmlu differenza bejn dħul kummerċjali u dak li mhuwiex. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jużaw dik il-possibbiltà biex inaqqsu d-differenza bejn tassazzjoni fuq in-nafta mhux*** kummerċjali ***użata bħala propellant u l-petrol. Jenħtieġ li jkun possibbli li*** l-użu kummerċjali u ***l-użu*** mhux kummerċjali ***tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku jiġu ttrattati b'mod differenti għal finijiet ta' taxxa***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn użu kummerċjali u dak mhux kummerċjali tippermetti lill-Istati Membri jużaw l-istrument tat-taxxa għal finijiet mhux kummerċjali għall-effiċjenza fl-enerġija u għal skopijiet fiskali filwaqt li jżommu l-kompetittività fis-suq intern u b'hekk isegwu sew l-għanijiet tad-Direttiva.

Emenda 133
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant ***. Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti tal-enerġija mhux bħala fjuwil .*** Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat l-istess.	(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant**.** Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat l-istess.

Or. en

Emenda 134
Othmar Karas

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant . Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti tal-enerġija mhux bħala fjuwil . Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat l-istess.	(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant. Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti tal-enerġija mhux bħala fjuwil ***kif ukoll ipproċessar tal-mineraloġija***. Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat

l-istess.

Or. en

Emenda 135
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant . Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta’ taxxa li teskludi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-qafas l-użu doppju u użu ta’ prodotti tal-enerġija mhux bħala fjuwil . Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat l-istess.	(20) Essenzjalment jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija jkunu soġġetti għal qafas tal-Unjoni meta jkunu użati bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant. Għal dan il-għan, hija fin-natura u l-loġika tas-sistema ta' taxxa li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-qafas l-użu doppju u użu ta' prodotti tal-enerġija mhux bħala fjuwil ***kif ukoll ipproċessar tal-mineraloġija***. Jenħtieġ li elettriku użat bl-istess manjiera jiġi ttrattat l-istess.

Or. en

Emenda 136
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-impatt tal-avjazzjoni fuq il-klima ilu li ġie stabbilit mill-komunità xjentifika, u b'mod partikolari mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima, mill-inqas minn meta ġie ppubblikat ir-Rapport Speċjali tiegħu tal-1999 dwar l-Avjazzjoni u l-Atmosfera Globali[1a]. Għall-kuntrarju ta' setturi oħra b'emissjonijiet ta' gassijiet serra, is-settur tal-avjazzjoni esperjenza ukoll żieda kbira fil-volum tiegħu u għalhekk l-

emissjonijiet aggregati tiegħu rduppjaw f'dawn l-aħħar tliet deċennji, b'żieda ta' kważi 28 % mill-2013 fl-Ewropa biss. Data reċenti tissuġġerixxi li mill-inqas nofs dawn l-emissjonijiet kollha huma ġġenerati minn 1 % tal-popolazzjoni tad-dinja biss, u prinċipalment minn dik il-parti bl-ogħla introjtu. Barra minn hekk, studju reċenti tal-EASA[1b] jindika li l-emissjonijiet mhux tas-CO2 jista' jkollhom impatt ta' mill-inqas darbtejn akbar fuq il-klima mill-emissjonijiet tas-CO2 biss. Il-kompożizzjoni tal-fjuwils fossili użati b'mod wiesa' llum il-ġurnata fis-settur hija prinċipalment responsabbli għal dawn l-impatti klimatiċi, u għalhekk hemm ħtieġa urġenti għall-internalizzazzjoni tagħhom permezz ta' tassazzjoni adegwata. L-istabbiliment ta' taxxa fuq il-fjuwil tal-ġettijiet fuq titjiriet ġewwa l-UE jenħtieġ li jkun diżinċentiv addizzjonali għall-operat tal-hekk imsejħa "titjiriet fantażma", li jikkumplimenta l-miżuri meħtieġa li għandhom jittieħdu aktar fir-reviżjoni tar-regolament dwar is-slots tal-ajruporti li effettivament jipprevjenu l-operat ta' tali titjiriet vojta jew kważi vojta.

[1a] Rapport speċjali tal-IPCC: Aviation and the Global Atmosphere (L-Avjazzjoni u l-Atmosfera Globali) (1999) https://www.unep.org/resources/report/ipcc-special-report-aviation-and-global-atmosphere

[1b] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Analiżi aġġornata tal-impatti klimatiċi mhux mis-CO2 tal-avjazzjoni u miżuri ta' politika potenzjali skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva dwar l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet https://www.easa.europa.eu/document-library/research-reports/report-commission-european-parliament-and-council

Or. en

Emenda 137
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-introduzzjoni ta' livell minimu ta' tassazzjoni fuq il-fjuwil tqiegħed is-settur tas-sajd tal-UE — u speċjalment il-bastimenti artiġjanali — fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbel ma' pajjiżi terzi bi prezzijiet u taxxi aktar baxxi. Din twassal ukoll għal trattament inġust bejn it-territorji, peress li l-vapuri kbar jistgħu jagħmlu vjaġġi twal u b'hekk jagħtu l-fjuwil mill-ġdid fil-portijiet fejn il-prezz tal-fjuwil huwa aktar baxx. Din tikkawża wkoll żidiet fil-prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi finali, b'mod partikolari għall-prodotti friski. Dan imur kontra r-rakkomandazzjonijiet tas-saħħa biex jiżdied il-konsum tal-ħut mhux biss minħabba l-kwalità nutrizzjonali għolja tiegħu u għalhekk il-benefiċċji għas-saħħa, iżda wkoll l-impronta ambjentali mnaqqsa tiegħu. Fl-aħħar nett, din twassal għall-falliment fuq skala kbira bla preċedent ta' ħafna kumpaniji tas-sajd, speċjalment dawk fuq skala żgħira, u konsegwentement f'telf ta' għadd kbir ta' impjiegi, b'riperkussjonijiet serji għall-komunitajiet tas-sajd tal-Unjoni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 138
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) It-titjir huwa ħafna aktar intensiv fl-enerġija minn forom oħra ta' trasport u jenħtieġ li jiġi ntaxxat skont dan. Filwaqt li jista' ma jkun hemm l-ebda alternattiva tajba għall-ajruplani għall-ivvjaġġar lejn jew minn Stati ġejjer jew reġjuni mbiegħda, reġim tat-taxxa ta' benefiċċju għall-avjazzjoni mhuwiex l-aħjar għodda ta' politika biex taqdi dawn l-oqsma. Minflok, jenħtieġ li l-gvernijiet jużaw id-dħul miksub minn taxxa fuq il-pitrolju biex jinvestu u jgħollu l-livelli tal-benesseri f'dawn ir-reġjuni.

Or. en

Emenda 139
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-impatt tal-avjazzjoni fuq il-klima ilu li ġie stabbilit mill-komunità xjentifika. L-avjazzjoni esperjenzat żieda kbira fil-volum tagħha u l-emissjonijiet aggregati tagħha rduppjaw f'dawn l-aħħar tliet deċennji. F'konformità ma' miżuri oħra, l-istabbiliment ta' taxxa fuq il-fjuwil tal-ġettijiet fuq titjiriet ġewwa l-UE jista' jkun diżinċentiv addizzjonali għall-operat tal-hekk imsejħa "titjiriet fantażma", li għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ambjent.

Or. en

Emenda 140
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex tiġi żgurata l-konnettività, in-navigazzjoni bl-ajru u dik fuq l-ilma jibqgħu setturi importanti. Madankollu, sabiex tibqa' kompetittiva internazzjonalment u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ internazzjonali għat-tassazzjoni fuq l-enerġija.

Or. en

Emenda 141
Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u biex tiġi prevenuta r-rilokazzjoni kemm tan-negozju kif ukoll tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-ammont ta' fjuwil użat għan-navigazzjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni se jiġi ntaxxat minflok l-ammont ta' żejt tqil maħżun fil-portijiet tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-prevenzjoni kemm tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju, m'għandniex nintaxxaw l-ammont ta' żejt tqil maħżun fil-portijiet tal-UE, iżda l-ammont ta' fjuwil użat fl-ilmijiet tal-UE. Konsegwentement, l-inċentiv għall-użu ta' bunker barra mill-UE jiġi eliminat, peress li l-vapuri kollha jridu jħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa fuq il-fjuwil. Barra minn hekk, jinżamm l-inċentiv għat-tranżizzjoni lejn l-użu ta' fjuwils alternattivi aktar sostenibbli. L-implimentazzjoni teknika se tiġi ddelegata lill-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 142
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE, ***ħlief*** għat-titjiriet tal-merkanzija biss, jiġu ntaxxati. ***L-eżenzjoni għall-fjuwil użat minn titjiriet tal-merkanzija biss għadha meħtieġa fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti.***	(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE, ***inkluż*** għat-titjiriet tal-merkanzija biss, jiġu ntaxxati.

Or. en

Emenda 143
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. ***Dawn*** il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat.	(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. ***Dawk*** il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni ***bbażati fuq interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet oriġinali tal-***

Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE***, ħlief għat-titjiriet tal-merkanzija biss***, ***jiġu ntaxxati. L-eżenzjoni għall-fjuwil użat minn*** titjiriet ***tal-merkanzija biss għadha meħtieġa fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti***.

Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili, li fl-1944 stabbiliet il-pedament għall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. L-unika restrizzjoni espliċita għat-tassazzjoni tal-fjuwil hija stabbilita fl-Artikolu 24 ta' dik il-Konvenzjoni u tirreferi għall-fjuwil diġà preżenti fit-tank waqt l-inżul, sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, iżda ma tagħmilx referenza b'mod espliċitu għal kontenut addizzjonali relatat mar-riforniment ta' fjuwil. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ***jiġu ntaxxati. Fir-reviżjonijiet futuri ta' tali ftehimiet internazzjonali dwar l-avjazzjoni***, ***jenħtieġ li jiġu eliminati l-lakuni attwali li jippermettu eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fjuwil tal-ġettijiet għal*** titjiriet ***li jitilqu minn ajruporti tal-Unjoni jew li jaslu fihom***.

Or. en

Emenda 144
Georgios Kyrtsos

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. ***Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet***	(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. ***Fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti għall-prodotti*** tal-enerġija u l-elettriku fornuti ***lit-titjiriet*** tal-merkanzija ***u tal-passiġġieri,*** l-eżenzjoni ***mit-taxxa għadha meħtieġa sabiex***

internazzjonali, jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti ***għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE, ħlief għat-titjiriet*** tal-merkanzija ***biss, jiġu ntaxxati.*** L-eżenzjoni ***għall-fjuwil użat minn titjiriet tal-merkanzija biss għadha meħtieġa fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti***.	***jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva mingħajr preġudizzju għall-impenji internazzjonali***.

Or. en

Emenda 145
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li***, mingħajr preġudizzju għal dawk il-ftehimiet internazzjonali, jenħtieġ li*** l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE***, ħlief għat-titjiriet tal-merkanzija biss,*** jiġu ntaxxati***. L-eżenzjoni għall-fjuwil użat minn titjiriet tal-merkanzija biss għadha meħtieġa fin-nuqqas ta' alternattivi aktar effiċjenti***.	(21) L-Unjoni u l-Istati Membri kkonkludew ftehimiet multilaterali rigward is-servizzi tal-ajru u t-trasport bl-ajru, jew ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Dawn il-ftehimiet jinkludu dispożizzjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni. Tradizzjonalment, il-fjuwil tal-avjazzjoni kellu reġim fiskali privileġġat. Il-ħtieġa li jiġu segwiti l-objettivi tad-Direttiva tirrikjedi li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku fornuti għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ***jenħtieġ li*** jiġu ntaxxati***, anke meta dan ikun jeħtieġ negozjar mill-ġdid ta' ftehimiet multilaterali***.

Or. en

Emenda 146
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero ***għal għaxar snin***. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.	(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 147
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment ***jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin***, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.	(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment ***jiġi implimentati malajr***, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri. ***It-titjiriet tal-merkanzija jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess obbligi bħal titjiriet oħra, sabiex ma jinħolqux aktar distorsjonijiet li jxekklu l-objettiv tal-bidla għall-ferroviji.***

Or. en

Emenda 148
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.	(22) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin ***li jibda …[erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 149
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi żgurata ***implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE ***mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment jintlaħqu fuq***	(22) Sabiex tiġi żgurata ***internalizzazzjoni xierqa tal-kostijiet reali tas-settur tal-avjazzjoni li tippermetti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' modi oħra tat-trasport***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal

perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, filwaqt li ***fjuwils alternattivi sostenibbli*** u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE ***jenħtieġ li jiġu implimentati immedjatament***, filwaqt li ***bijofjuwils avvanzati, l-RFNBOs*** u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin***, inkluż l-elettriku fornut għall-funzjonament stazzjonarju u l-operazzjonijiet elettriċi ta' taxiing fuq l-art***. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri. ***It-titjiriet tal-merkanzija jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess obbligi bħal titjiriet oħra, sabiex ma tiġix iġġenerata distorsjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, li fl-aħħar mill-aħħar ixxekkel l-objettiv ta' bidla modali lejn il-ferroviji, anke għall-merkanzija, kif introdott mill-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.***

Or. en

Emenda 150
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***Sabiex tiġi żgurata*** implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE ***mhux għal skopijiet ta' negozju u mhux ta' divertiment*** jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' ***għaxar*** snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati ***għall-avjazzjoni***	(22) ***Peress li taxxa fuq il-pitrolju twassal biss għal żieda moderata fil-prezzijiet,*** implimentazzjoni bla xkiel ta' din id-Direttiva, il-livelli minimi ta' tassazzjoni għal karburanti użati għal titjiriet ġewwa l-UE ***jistgħu*** jintlaħqu fuq perjodu tranżizzjonali ta' ***ħames*** snin, filwaqt li fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku jkunu soġġetti għal rata minima żero għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati ***għal titjiriet***

għal skopijiet ta' negozju u t-titjiriet ta' divertiment ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

ġewwa l-UE jkunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 151
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Skont ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li qed Tinbidel, l-oċean globali ssaħħan mingħajr tnaqqis sa mill-1970 u ħa aktar minn 90 % tas-sħana żejda fis-sistema klimatika u, billi assorba aktar CO2, l-oċean għadda minn aċidifikazzjoni tal-wiċċ li żdiedet u kien hemm telf ta' ossiġnu mill-wiċċ għal 1 000 m. Skont id-data mill-OMI u l-FAO, globalment, il-bastimenti tas-sajd (inklużi l-bastimenti interni) ikkunsmaw 53,9 miljun tunnellata ta' fjuwil fl-2012, b'emissjonijiet ta' 172,3 miljun tunnellata ta' CO2, (ekwivalenti għal 0,5 % tal-emissjonijiet globali totali ta' CO2 għal dik is-sena), filwaqt li l-akkwakultura kienet tammonta għal madwar 0,45 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra fl-2013.

Or. en

Emenda 152
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Sabiex jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti mill-Unjoni għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, jeħtieġ li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi kollha, permezz ta' orjentament lejn qafas fiskali li jippenalizza l-fjuwils fossili u jħeġġeġ il-bidla għal fjuwils nodfa. Madankollu, din il-bidla urġenti trid issir billi titqies id-disponibbiltà ta' alternattivi f'kull wieħed mis-setturi affettwati.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 153
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 22b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22b) Skont ir-Rapport Ekonomiku Annwali tal-2021[32 a] tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, il-flotta tas-sajd tal-Unjoni naqqset il-konsum tal-enerġija tagħha b'aktar minn 15 % f'dan l-aħħar deċennju. Madankollu, is-settur tas-sajd qed jiffaċċja ostakoli serji għad-dekarbonizzazzjoni minħabba n-nuqqas ta' alternattivi fuq terminu qasir u l-limiti eżistenti tal-kapaċità tas-sajd. L-introduzzjoni ta' livell minimu ta' tassazzjoni fuq il-fjuwil fis-settur tas-sajd mhux biss ma jsolvix dawn l-ostakoli, iżda

jkollu impatt serju fuq il-kompetittività tal-flotta tal-Unjoni, speċjalment tal-flotta kostali fuq skala żgħira, li tirriżulta f'kapaċità mnaqqsa għall-awtosuffiċjenza, prezzijiet ogħla għall-konsumatur u żieda konsegwenti fl-emissjonijiet minħabba żieda fl-importazzjonijiet. Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma fost il-prodotti tal-ikel bl-inqas marka tal-karbonju u li l-UE hija l-akbar suq tal-ħut fid-dinja, u timporta 60 % ta' dak li tikkonsma. Għalhekk, jenħtieġ li s-settur tas-sajd tal-Unjoni jkompli jibbenefika mill-eżenzjonijiet previsti fid-Direttiva 2003/96/KE tal-Kunsill.

_____

[32 a] ***Ir-Rapport Ekonomiku Annwali tal-2021 dwar il-Flotta tas-Sajd tal-UE (STECF 21–08).***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 154
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, ***inkluż*** is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta’ dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-	(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, ***eskluż*** is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta' dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-

inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta’ tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, is-sajd u t-trasport tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta’ dawk l-użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta’ tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta’ karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta’ fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta’ tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.	inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, is-sajd u t-trasport tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta' karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 155
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, inkluż is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta’ dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-	(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, inkluż is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta' dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-

inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, ***is-sajd u t-trasport*** tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta' karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni ***għal għaxar snin***. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, ***it-trasport*** tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta' karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 156
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, inkluż is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta' dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, is-sajd u t-trasport tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-	(23) Jenħtieġ li l-fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma, inkluż is-sajd, jiġi ntaxxat ukoll, u l-Istati Membri li huma parti għall-ftehimiet internazzjonali li jipprevedu l-eżenzjoni ta' dak il-fjuwil, sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ikollhom jiżguraw li jeliminaw l-inkompatibbiltajiet. Huwa meħtieġ li jiġi permess li jiġi applikat livell differenti ta' tassazzjoni għall-użu tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku għan-navigazzjoni tas-servizz regolari fuq l-ilma ġewwa l-UE, is-sajd u t-trasport tal-merkanzija u l-attivitajiet rispettivi tagħhom fl-irmiġġ. Meta wieħed iqis l-ispeċifiċità ta' dawk l-

użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta’ tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta’ karburant ġenerali. Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta’ fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta’ tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

użi, jenħtieġ li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-użu ta' karburant ġenerali. ***B'mod partikolari għall-vapuri tal-merkanzija, il-livelli ta' tassazzjoni jenħtieġ li jipprovdu inċentivi għall-adozzjoni ta' innovazzjoni teknoloġika li tippermetti l-assistenza tal-enerġija mir-riħ sabiex tittejjeb b'mod sinifikanti l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bastimenti.*** Sabiex jingħata inċentiv għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli u l-elettriku***, inkluża l-eletrifikazzjoni shiħa waqt l-irmiġġ***, jenħtieġ li dawn il-fjuwils u l-elettriku jiġu eżentati mit-tassazzjoni għal għaxar snin. Jenħtieġ li l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE li jifdal ikunu soġġetti għal-livelli standard ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti u l-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 157
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) F'konformità mal-proposta għal Regolament dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u l-proposta għal Regolament dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, jenħtieġ li din id-Direttiva tippromwovi l-użu kosteffiċjenti tal-installazzjonijiet u l-użu tal-elettriku mill-art billi tipprovdi eżenzjoni mit-taxxa permanenti għall-elettriku mix-xatt, u b'hekk tistabbilixxi l-inċentivi t-tajba.

Or. en

Emenda 158
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Is-sussidji għall-fjuwils m'għandhomx prestazzjoni tajba f'termini ta' żieda fl-introjtu għas-sajjieda, u "s-sussidji għall-fjuwils fossili jirrappreżentaw ostakolu biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi minħabba li jfixklu t-tranżizzjoni għal enerġija ekoloġika", skont il-konklużjoni tar-rieżami tal-QEA 01/2022 dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija, l-ipprezzar tal-karbonju u s-sussidji tal-enerġija.

Or. en

Emenda 159
Irene Tinagli, Elisabetta Gualmini

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Qabel ma s-sajd jiġi inkluż fit-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva tal-impatt, inkluż l-impatt soċjoekonomiku fuq is-sajd u l-komunitajiet kostali.

Or. en

Emenda 160
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Fl-aħħar 10 snin, l-industrija tas-sajd għamlet sforzi kbar biex tnaqqas b'mod konsiderevoli l-konsum tal-fjuwil u għalhekk l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 161
Georgios Kyrtsos

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Huwa meħtieġ kumpens adegwat biex jittaffew l-ispejjeż diġà għoljin tat-trasport tal-gżejjer, filwaqt li jitqiesu l-iskemi ekwivalenti tat-trasport tal-gżejjer.

Or. en

Emenda 162
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Qabel ma s-sajd jiġi inkluż fit-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni komprensiva tal-impatt, li tqis ukoll ir-riperkussjonijiet soċjoekonomiċi fuq is-

sajd u l-komunitajiet kostali.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 163
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Għal navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, u għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, ***inkluż is-sajd***, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni ta' ġewwa l-UE, skont it-tip ta' attività.	(24) Għal navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, u għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, ***u għas-sajd***, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni ta' ġewwa l-UE, skont it-tip ta' attività.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 164
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Għal navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, u għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, inkluż is-sajd, l-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni ta' ġewwa l-UE, skont it-tip ta' attività.	(24) Għal navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali ***attwali li jenħtieġ li jiġu sussegwentament riveduti***, u għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE, inkluż is-sajd, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni ta' ġewwa l-UE, skont it-tip ta' attività.

Or. en

Emenda 165
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) It-tmiem tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fjuwil fis-settur tas-sajd jenħtieġ li ma jirriżultax f'piż għas-sajd fuq skala żgħira. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestu d-dħul iġġenerat mit-taxxi fuq il-fjuwil fis-settur tas-sajd biex jiffinanzjaw proġetti mmirati lejn it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-pożizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira fil-katina tal-valur u lejn l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira lejn bastimenti effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jużaw enerġija rinnovabbli sostenibbli.

Or. en

Emenda 166
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) It-tmiem tal-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fjuwil fis-settur tas-sajd jenħtieġ li ma jirriżultax f'piż għas-sajd fuq skala żgħira. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestu d-dħul iġġenerat mit-taxxi fuq il-fjuwil fis-settur tas-sajd biex jiffinanzjaw proġetti mmirati lejn l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira lejn bastimenti effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jużaw enerġija rinnovabbli sostenibbli.

Or. en

Emenda 167
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Stati*** Membri ***għandhom*** jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment għall-objettivi ***ambjentali, għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni***.	(25) ***L-Istati*** Membri ***jenħtieġ li*** jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm dan ma jkunx ta' detriment għall-objettivi ***tal-enerġija, tal-klima u tat-tranżizzjoni ġusta***.

Or. en

Emenda 168
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***Stati*** Membri ***għandhom*** jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni,	(25) ***L-Istati*** Membri ***jenħtieġ li*** jiġu permessi li japplikaw eżenzjonijiet oħra jew livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni, sakemm

sakemm dan ma jkunx ta’ detriment għall-objettivi ambjentali, għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni.	dan ma jkunx ta' detriment għall-objettivi ambjentali***, tal-enerġija, tal-klima u tat-tranżizzjoni ġusta***, għall-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern u li ma jirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 169
Gilles Boyer, Stéphane Bijoux, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Peress li d-Direttiva 2020/262 tispeċifika li din id-Direttiva u d-Direttivi 92/83/KEE, 92/84/KEE, 2003/96/KE u 2011/64/UE ma japplikawx għar-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u Spanjoli msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, fir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2003/96/KE, it-titjiriet lejn u minn dawk ir-reġjuni, kif ukoll it-tbaħħir lejn u minn dawk ir-reġjuni, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati għall-eżenzjoni mit-tassazzjoni ġewwa l-UE.

Or. fr

Emenda 170
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) B’mod partikolari, ***il-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku effiċjenti ħafna u,*** sabiex jippromwovu l-użu ***ta’ sorsi ta’ enerġija alternattivi ,*** forom rinnovabbli ta’ enerġija jistgħu jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali.	(26) B'mod partikolari, sabiex jippromwovu l-użu ***ta'*** forom rinnovabbli ***sostenibbli*** ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali.

Or. en

Emenda 171
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku effiċjenti ħafna u, sabiex jippromwovu l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattivi , forom rinnovabbli ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali.	(26) B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku effiċjenti ħafna u, sabiex jippromwovu l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattivi , forom rinnovabbli ta' enerġija jistgħu jikkwalifikaw għal trattament preferenzjali. ***Huwa mixtieq li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni li jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw jew inaqqsu d-dazji tas-sisa biex jippromwovu l-bijofjuwils, u b'hekk jikkontribwixxi għall-funzjonament aħjar tas-suq intern u joffri lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi livell suffiċjenti ta' ċertezza legali. Distorsjonijiet fil-kompetizzjoni jenħtieġ li jiġu limitati u l-inċentiv ta' tnaqqis fil-kostijiet bażiċi għall-produtturi u distributuri ta' bijofjuwils jenħtieġ li jinżamm permezz ta', fost l-oħrajn, l-aġġustamenti ta' Stati Membri meta jqisu t-tibdil fil-prezzijiet ta' materja prima.***

Or. en

Emenda 172
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' ***jkun meħtieġ biex jinċentiva l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib***	(27) Tnaqqis immirat ***temporanju*** fil-livell tat-taxxa jista' ***jipprovdi inċentiv lill-industriji intensivi fl-enerġija, lill-SMEs u***

fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.

lin-negozji ġodda biex jiksbu tranżizzjoni ekoloġika tas-settur produttiv tal-Unjoni. ***Tali tnaqqis jenħtieġ li jkun bil-kundizzjoni li l-benefiċjarji jimplimentaw miżuri speċifiċi biex jiksbu operazzjonijiet ċirkolari, mingħajr tniġġis, effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażati fuq sorsi rinnovabbli.***

Or. en

Emenda 173
Ondřej Kovařík, Nicola Beer, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Tnaqqis ***immirat*** fil-livell tat-taxxa jista' ***jkun meħtieġ biex jinċentiva*** l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent ***u titjib*** fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.	(27) ***Eżenzjonijiet jew*** tnaqqis ***fil-mira*** fil-livell tat-taxxa jista' ***jkunu meħtieġa biex jinċentivaw*** l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent***, it-titjib*** fl-effiċjenza fl-enerġija ***u l-kompetittività internazzjonali*** tas-settur produttiv tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 174
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jinċentiva l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.	(27) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa ***fuq terminu qasir u medju*** jista' jkun meħtieġ biex jinċentiva l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 175
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Tnaqqis ***immirat*** fil-livell tat-taxxa ***jista' jkun meħtieġ biex jinċentiva*** l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.	(27) ***Eżenzjonijiet jew*** tnaqqis ***fil-mira*** fil-livell tat-taxxa ***jistgħu jkunu meħtieġa biex jinċentivaw*** l-ilħiq tal-objettivi tal-ħarsien tal-ambjent u titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tas-settur produttiv tal-Unjoni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 176
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(27a) Billi jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u d-dipendenza enerġetika u jipprovdu flessibbiltà lill-grilji, il-komunitajiet tal-enerġija u l-prosumaturi li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli b'mod awtonomu huma l-pedament essenzjali tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Sabiex jiġu inċentivati prattiki bħal dawn fl-Istati Membri kollha, l-elettriku awtoprodott jenħtieġ li jiġi eżentat mit-tassazzjoni.

Or. en

Emenda 177
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.	(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. ***L-eżenzjonijiet mit-taxxa jistgħu jkunu tnaqqis temporanju, peress li l-ewwel nett jinħtieġu reazzjonijiet strutturali biex jinqered il-faqar enerġetiku. Pereżempju r-rinnovazzjoni tal-bini hija soluzzjoni ewlenija biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jittaffew il-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà. Il-benefiċċji ta' kontijiet tal-enerġija ġeneralment aktar baxxi, u mhux biss fuq il-parti tat-taxxa tagħhom, huma saħansitra aktar rilevanti f'kuntest ta' prezzijiet għoljin tal-enerġija. In-nies li jgħixu f'bini bl-agħar prestazzjoni u n-nies li qed jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku jibbenefikaw minn bini rinnovat u aħjar u minn tnaqqis fil-kostijiet tal-enerġija, u jiġu protetti minn żidiet u fluttwazzjonijiet ulterjuri fil-prezzijiet tas-suq.***

Or. en

Emenda 178
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Nicola Beer, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Tnaqqis ***immirat*** fil-livell tat-taxxa ***jista' jkun meħtieġ biex jindirizza*** l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament	(28) ***Eżenzjonijiet jew*** tnaqqis ***fil-mira*** fil-livell tat-taxxa ***jistgħu jkunu meħtieġa biex jindirizzaw*** l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista'

meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.	tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli ***rikonoxxuti bħala dawk b'introjtu baxx u medju mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 179
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Tnaqqis immirat*** fil-livell tat-taxxa ***jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli***.	(28) ***Ċertu eżenzjonijiet u tnaqqis*** fil-livell tat-taxxa ***jistgħu jirriżultaw neċessarji; l-iktar minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni, minħabba riskji ta' telf ta' kompetittività internazzjonali jew minħabba kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali***.

Or. en

Emenda 180
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Tnaqqis ***immirat*** fil-livell tat-taxxa ***jista' jkun meħtieġ biex jindirizza*** l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.	(28) ***Eżenzjonijiet jew*** tnaqqis ***fil-mira*** fil-livell tat-taxxa ***jistgħu jkunu meħtieġa biex jindirizzaw*** l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom

jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 181
Martin Hlaváček, Olivier Chastel

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.	(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali ***jew settorjali*** tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun temporanjament meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli ***jew is-setturi strateġiċi. Is-settur agrikolu, u b'mod partikolari l-produzzjoni tal-ikel, jistħoqqilhom trattament speċifiku peress li l-valur tal-prodotti tal-enerġija użati fl-agrikoltura, il-forestrija u l-ortikultura jirrappreżenta sehem sinifikanti tal-kostijiet agrikoli***.

Or. en

Emenda 182
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun ***temporanjament*** meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.	(28) Tnaqqis immirat fil-livell tat-taxxa jista' jkun meħtieġ biex jindirizza l-impatt soċjali tat-taxxi tal-enerġija. Eżenzjoni mit-tassazzjoni tista' tkun meħtieġa biex jiġu protetti l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Or. en

Emenda 183
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jista' jkollha konsegwenzi soċjoekonomiċi kif ukoll impatt differenti fuq il-klassijiet tal-introjtu u l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi stabbilit Monitoraġġ Soċjali minn din id-Direttiva biex jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-impatt tagħha fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fil-klassijiet tal-introjtu differenti. Il-Monitoraġġ Soċjali jassenja obbligi ta' rapportar kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi ħarsa ġenerali olistika rigward l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija kif ukoll il-maturità teknoloġika u tas-suq ta' vetturi enerġetiċi alternattivi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeskrivu l-miżuri soċjali meħuda biex itaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjali tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu enfasi speċjali fuq l-istat tal-maturità teknoloġika u tas-suq ta' vetturi enerġetiċi alternattivi permezz ta' valutazzjoni komplementari, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-valutazzjonijiet mill-Istati Membri li juru li alternattivi aktar nodfa mhumiex faċilment disponibbli fis-suq u mhumiex mistennija li jkunu disponibbli fi żmien qasir. Skont il-valutazzjonijiet tal-Monitoraġġ Soċjali, jekk ma jsir l-ebda progress sinifikanti biex jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi fuq unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju, l-Istati Membri jistgħu jtawlu l-perjodu ta' tranżizzjoni għall-unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala dawk b'introjtu baxx u medju mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 184
Joachim Schuster, Alfred Sant, Elisabetta Gualmini, Irene Tinagli, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Margarida Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) L-enerġija hija essenzjali u l-aċċess għas-servizzi tal-enerġija huwa dritt soċjali bażiku. L-unitajiet domestiċi meqjusa bħala vulnerabbli huma aktar ta' spiss affettwati mill-faqar enerġetiku kif definit fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni) u jeħtieġu attenzjoni speċjali. "Il-faqar enerġetiku" jfisser l-inabbiltà, relatata mal-inaċċessibbiltà ekonomika, ta' unità domestika li tissodisfa l-ħtiġijiet bażiċi tal-provvista tal-enerġija tagħha u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi essenzjali tal-enerġija biex jiġu żgurati livelli bażiċi ta' kumditá u saħħa, livell ta' għajxien deċenti, inklużi tisħin u tkessiħ, dawl, u enerġija adegwati biex jitħaddmu l-apparati, fil-kuntest nazzjonali rilevanti, u fil-politika soċjali eżistenti u f'politiki rilevanti oħra, minħabba introjtu disponibbli insuffiċjenti.

Or. en

Emenda 185
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Sabiex iċ-ċittadini u l-konsumaturi

jingħataw is-setgħa fit-tranżizzjoni tal-enerġija, u jiġi ffaċilitat l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, it-tassazzjoni jenħtieġ li tinċentiva l-awtoproduzzjoni kemm individwalment kif ukoll b'mod konġunt, il-ħżin, il-kondiviżjoni u l-konsum lokali tal-enerġija rinnovabbli. Din jenħtieġ li tippromwovi wkoll l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, bħala kunċett organizzattiv li għandu l-għan li jippermetti lill-unitajiet domestiċi, inklużi dawk vulnerabbli u fqar, lill-SMEs, lin-negozji ġodda u lill-awtoritajiet lokali, jikkollaboraw biex jieħdu s-sjieda fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Or. en

Emenda 186
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) Itenni li l-enerġija hija ġid pubbliku, dritt tal-bniedem u dritt soċjali. Għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jressqu miżuri biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jiżguraw aċċess ugwali għas-servizzi tal-enerġija għal kulħadd.

Or. en

Emenda 187
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) L-unitajiet domestiċi jenħtieġ li jkollhom il-mezzi finanzjarji għat-tishin,

it-tkessiħ u l-elettriku meħtieġa għal kwalità ta' ħajja deċenti, kif ukoll akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija li tippermetti ambjent fuq ġewwa li jkun tajjeb għas-saħħa kemm fl-istaġuni sħan kif ukoll f'dawk kesħin.

Or. en

Emenda 188
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 28c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28c) Ir-rinnovazzjoni tal-bini hija rispons ewlieni biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jittaffew il-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà. In-nies li jgħixu f'bini bl-agħar prestazzjoni jibbenefikaw minn bini rinnovat u aħjar. Dan jipproteġihom mill-volatilità tal-prezzijiet tas-suq.

Or. en

Emenda 189
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Bil-ħsieb ***ta' effetti*** finanzjarji, ekonomiċi ***u ambjentali*** fuq kull Stat Membru, bħall-ħtieġa tal-elettrifikazzjoni ***tas-settur*** tat-trasport, huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta' tassazzjoni. Għal raġunijiet ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-	(29) Bil-ħsieb ***tal-effetti*** finanzjarji, ekonomiċi***, ambjentali u dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem*** fuq kull Stat Membru, bħall-ħtieġa tal-elettrifikazzjoni ***tas-setturi*** tat-trasport ***u tat-tisħin u tat-tkessiħ***, huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta' tassazzjoni. Għal

tniġġis tal-arja, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, ta’ rati speċifiċi miżjuda. Jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, wara talba ġustifikata mill-Istati Membri u fuq proposta mill-Kummissjoni, tiġi adottata permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jsirilhom rieżami regolari .	raġunijiet ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, ta' rati speċifiċi miżjuda. Jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, wara talba ġustifikata mill-Istati Membri u fuq proposta mill-Kummissjoni, tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jsirilhom rieżami regolari.
	Or. en

Emenda 190
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Bil-ħsieb ***ta’ effetti*** finanzjarji, ekonomiċi u ambjentali fuq kull Stat Membru, bħall-ħtieġa ***tal-elettrifikazzjoni*** tas-settur tat-trasport, huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta’ tassazzjoni. Għal raġunijiet ta’ ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, ta’ rati speċifiċi miżjuda. Jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, wara talba ġustifikata mill-Istati Membri u fuq proposta mill-Kummissjoni, tiġi adottata permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jsirilhom rieżami regolari .	(29) Bil-ħsieb ***tal-effetti*** finanzjarji, ekonomiċi u ambjentali fuq kull Stat Membru, bħall-ħtieġa ***tad-dekarbonizzazzjoni*** tas-settur tat-trasport, huwa neċessarju li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, fuq eżenzjonijiet oħra u tnaqqis ieħor fil-livelli ta' tassazzjoni. Għal raġunijiet ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, huwa meħtieġ li jkun hemm proċedura li tawtorizza l-introduzzjoni minn Stati Membri, għal perjodu definit, ta' rati speċifiċi miżjuda. Jenħtieġ li din l-awtorizzazzjoni, wara talba ġustifikata mill-Istati Membri u fuq proposta mill-Kummissjoni, tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 291 tat-TFUE. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jsirilhom rieżami regolari.
	Or. en

Emenda 191
Joachim Schuster, Alfred Sant, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, Irene Tinagli, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) L-implimentazzjoni tad-Direttiva jista' jkollha konsegwenzi soċjoekonomiċi kif ukoll impatt differenti fuq il-klassijiet tal-introjtu u l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, din id-Direttiva tistabbilixxi Monitoraġġ Soċjali biex jivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-impatt tagħha fl-Istati Membri, fir-reġjuni u fil-klassijiet tal-introjtu differenti. Il-Monitoraġġ Soċjali jenħtieġ li jqassam l-obbligi ta' rapportar kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri. Filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi ħarsa ġenerali olistika, anke fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija, jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeskrivu l-miżuri soċjali meħuda sabiex itaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjali tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Jekk, skont il-valutazzjonijiet tal-Monitoraġġ Soċjali, ma jkun sar l-ebda progress sinifikanti biex jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi potenzjali fuq l-unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jtawlu l-perjodu ta' tranżizzjoni għal tali unitajiet domestiċi.

Or. en

Emenda 192
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li ssir referenza għall-verżjoni attwalment applikabbli tan-Nomenklatura Magħquda. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) f'din id-Direttiva jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ, ***u r-rati minimi ta' tassazzjoni jirriflettu l-evoluzzjoni tal-prezzijiet,*** jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-aġġornament tar-referenza ta' dawk il-kodiċijiet NM***, u fir-rigward tal-aġġornament tar-rati minimi tat-taxxa bbażati fuq varjazzjonijiet annwali tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(35) Jenħtieġ li ssir referenza għall-verżjoni attwalment applikabbli tan-Nomenklatura Magħquda. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) f'din id-Direttiva jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-aġġornament tar-referenza ta' dawk il-kodiċijiet NM. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Kunsill jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 193
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-atti delegati jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u jikkontribwixxu

	għalihom. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-atti delegati ma jbiddlux il-livelli minimi ta' tassazzjoni li jistgħu jimminaw il-ksib tal-miri tal-enerġija u tal-klima, inklużi l-miri speċifiċi għas-settur imsemmija fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, kif ukoll tal-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Jenħtieġ li lanqas il-bidla li tirriżulta tal-livell minimu ta' tassazzjoni tkun ugwali għal żero, sakemm ma tkunx maħsuba għal finijiet speċifiċi definiti f'din id-Direttiva, bħal pereżempju għall-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew għall-protezzjoni tal-konsumaturi, b'mod partikolari tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Kwalunkwe bidla jenħtieġ li tkun ġustifikata kif dovut u appoġġata minn analiżi u valutazzjonijiet xjentifiċi tal-impatt tagħha fuq il-miri enerġetiċi u klimatiċi msemmijin qabel.

Or. en

Emenda 194
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari ***l-livell minimu*** tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-	(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari ***jekk jenħtieġx li l-livelli minimi*** tat-tassazzjoni ***jiżdiedu jew jiġu estiżi biex jirriflettu aktar il-kontenut tal-karbonju u l-komponent tat-tniġġis tal-arja tal-prodotti tal-enerġija, filwaqt li jitqies l-impatt tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet fuq l-ipprezzar tal-karbonju, u jekk id-Direttiva riveduta dwar it-tassazzjoni tal-enerġija***

valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa’ tat-Trattati.	***tikkontribwix b'mod suffiċjenti għal ipprezzar sinifikattiv tal-karbonju li jwassal għal bidla fl-imġiba, l-impatt fuq it-tnaqqis tal-gassijiet serra b'kont meħud tal-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima***, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali***, tal-bijodiversità*** u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.
	Or. en

Emenda 195
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ***ħames snin***, u għall-ewwel darba ***ħames snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, billi teżamina b’mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet ***stipulati*** f’din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa’ tat-Trattati.	(36) Kull ***sena***, u għall-ewwel darba ***sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet ***stabbiliti*** f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.
	Or. en

Emenda 196
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Irene Tinagli, Elisabetta Gualmini, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ***ħames*** snin, u għall-ewwel darba ***ħames*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari ***l-livell minimu*** tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni ***u*** l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.	(36) Kull ***tliet*** snin, u għall-ewwel darba ***tliet*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari ***l-livelli minimi*** tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni***, l-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-konnettività bl-ajru u l-benesseri ekonomiku u soċjali ta' reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda kif ukoll*** l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 197
Eva Kaili

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni	(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni

ta’ din id-Direttiva, billi teżamina b’mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f’din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni ***u*** l-objettivi rilevanti usa’ tat-Trattati.	ta’ din id-Direttiva, billi teżamina b’mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f’din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni***, l-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-konnettività ta' reġjuni mbiegħda, periferiċi u insulari u ta' territorji b'arċipelagi mdaqqsa, l-impatt potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni u kwalunkwe distorsjoni fiha, kif ukoll*** l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 198
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, Irene Tinagli, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Margarida Marques

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, billi teżamina b’mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f’din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni	(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni

u l-objettivi rilevanti usa’ tat-Trattati.

u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 199
Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Olivier Chastel

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, billi teżamina b’mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f’din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa’ tat-Trattati.	(36) Kull ħames snin, u għall-ewwel darba ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, billi teżamina b'mod partikolari l-livell minimu tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, speċjalment fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li r-rapport iqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 200
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva,*** it-tassazzjoni għandha tiġi kkalkulata f’***EUR/Gigajoules abbażi tal-valur kalorifiku nett tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif stabbilit fl-Anness IV tad-***	2. ***L-Istati Membri għandhom jiddistingwu bejn*** it-tassazzjoni ***relatata mas-CO2 u t-tassazzjoni tal-konsum ġenerali tal-enerġija. It-tassazzjoni relatata mas-CO2*** għandha tiġi kkalkulata

Direttiva 2012/27/UE, ikkonvertit f'Gigajoules. Fil-każ tal-prodotti dderivati mill-bijomassa, il-valuri referenzjarji għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness ***III*** tad-Direttiva (UE) 2018/2001***, ikkonvertiti f'Gigajoules***.

f'***EUR/t ta' emissjonijiet tas-CO2, fuq il-bażi tal-fatturi tal-emissjoni tas-CO2 ta' referenza stabbiliti fil-punt 11 tal-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE tat-18 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***. Fil-każ tal-prodotti dderivati mill-bijomassa, il-valuri referenzjarji għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness ***V*** tad-Direttiva (UE) 2018/2001***. Meta d-Deċiżjoni 2007/589/KE tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 jew id-Direttiva (UE) 2018/2001, skont il-każ li jkun, ma jkunx fihom il-kontenut tal-karbonju għall-prodott ikkonċernat, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-informazzjoni disponibbli rilevanti dwar il-kontenut tal-karbonju***.

It-tassazzjoni fuq il-konsum ġenerali tal-enerġija għandha tiġi kkalkulata f'EUR/Gigajoules abbażi tal-valur kalorifiku nett tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif stabbilit fl-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE, ikkonvertit f'Gigajoules. Fil-każ tal-prodotti dderivati mill-bijomassa, il-valuri referenzjarji għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001, ikkonvertiti f'Gigajoules.

Or. en

Emenda 201
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta d-Direttiva 2012/27/KE jew id-Direttiva 2018/2001/KE, skont il-każ li jkun, ma jkunx fihom valur kalorifiku nett	Meta d-Direttiva 2012/27/KE jew id-Direttiva 2018/2001/KE, skont il-każ li jkun, ma jkunx fihom valur kalorifiku nett

għall-prodott ikkonċernat, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-informazzjoni disponibbli rilevanti fuq il-valur kalorifiku nett tiegħu.

għall-prodott ikkonċernat, l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-informazzjoni disponibbli rilevanti fuq il-valur kalorifiku nett tiegħu.

Il-Kummissjoni għandha tforni tabella ta' konverżjoni għal kull prodott tal-enerġija u l-elettriku li tiġbor fil-qosor ir-rati minimi bbażati fuq il-kontenut tal-enerġija għal kull unità ta' volum.

Or. en

Emenda 202
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw kemm għat-tassazzjoni relatata mas-CO2 kif ukoll għat-tassazzjoni tal-konsum ġenerali tal-enerġija.

Or. en

Emenda 203
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) li huma deskritti taħt il-Kodiċijiet NM 4401 u 4402 jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin f'installazzjonijiet b'input termiku nominali totali ta' 5 MW jew aktar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 204
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din id-Direttiva, dment li jissodisfaw ***wieħed mill-kriterji*** li ġejjin:	4. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din id-Direttiva, dment li jissodisfaw ***il-kriterji*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 205
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, eskluż ***prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' dik id-Direttiva***;	a) il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, eskluż ***l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku prodott mill-bijomassa tal-injam***;

Or. en

Emenda 206
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa) ma jkunux prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' tali Direttiva;

Or. en

Emenda 207
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) ikunu prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001.	b) ikunu prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001***, għajr għall-bijogass ul-bijofjuwils prodotti mill-materja prima elenkata fil-punti (g) sa (q) tal-Parti A tal-Anness IX***.

Or. en

Emenda 208
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bijogass***, bijolikwidi u prodotti "avvanzati" li huma deskritti fil-kodiċijiet NM 4401 u 4402 għandhom ifissru*** prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti ***A*** tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001***. Bijofjuwils, bijogass u bijolikwidi prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti B tal-Anness IX*** ta' dik id-Direttiva ***għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati***.	***Bijofjuwils***, bijogass ***u bijolikwidi*** prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti ***B*** tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ***għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati sal-livelli ta' konsum nazzjonali konsistenti mal-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 27(1)(b)*** ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Changes necessary to ensure coherence with the Renewable Energy Directive. Products falling within cods 4401 and 4402 are as advanced as the feedstocks used to produce them. The current first sentence needs to be deleted to ensure consistency with what is considered advanced biofuels according to the REDII. Moreover, biofuels from feedstocks listed in Annex B of the RED directive are capped in order to limit risks of frauds. Therefore the preferential tax system should be compatible to those levels. i.e. if in a MS there is a consumption of those biofuels that goes above the cap, the taxation should not be preferential, as to avoid indirect incentive to use them beyond such a capped level.

Emenda 209
Martin Hlaváček

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bijofjuwil sostenibbli għandu jfisser fjuwil likwidu prodott minn materja prima oħra għajr dik elenkata fl-Anness IX, Parti A, tad-Direttiva 2018/2001, u li jikkonforma mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' din id-Direttiva, kif xieraq. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bijogass sostenibbli jfisser fjuwil gassuż prodott minn materja prima oħra għajr dik elenkata fl-Anness IX, Parti A, tad-Direttiva 2018/2001 u konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' din id-Direttiva, kif xieraq.

Or. en

Emenda 210
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) “fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju” għandha tfisser ***idroġenu b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u*** fjuwils ***gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu*** b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju***, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b’mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36]u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][37]. “Karburanti tal-Karbonju Riċiklat”, kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f’din il-kategorija***.	***(b)*** "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser ***"***fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***", kif definit fid-[Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu COM/2021/803***].

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b’mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju issa huma definiti fil-proposti tal-Kummissjoni dwar [id-Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu COM/2021/803]. Sabiex ma jiġux anticipati n-negozjati dwar dak il-fajl, għandna sempliċiment nagħmlu kontroreferenza għad-definizzjoni f'dik id-direttiva, u aktar tard id-Direttiva dwar it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija se jkollha tiġi allinjata.

Emenda 211
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili***, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][37]***. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.	***(b)*** "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni

(UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

Or. en

Emenda 212
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li ***taħthom*** attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill***[36]u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][37]. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.	***(b)*** "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser idroġenu ***bbażat fuq il-fjuwils fossili*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ***bi qbid tal-karbonju*** u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu ***bbażat fuq il-fjuwils fossili*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ***bi qbid tal-karbonju***, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li ***fihom*** attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill43*** u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…]***44***. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-

kategorija.

---

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

Or. en

Emenda 213
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (d), (e), (g), (h) (k), (m),(n) u (o) ta' dan l-Artikolu, u tal-Artikolu 21(1), il-punti (a), (b), (h), (i), (l), (m) u (n), il-prodotti intenzjonati għall-provvista għandhom jitqiesu bħala intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant meta l-fornitur jiġi mgħarraf, ***jew kellu raġonevolment ikun mgħarraf,*** li r-riċevitur għandu l-intenzjoni li juża l-prodotti bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu u	7. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (d), (e), (g), (h) (k), (m),(n) u (o) ta' dan l-Artikolu, u tal-Artikolu 21(1), il-punti (a), (b), (h), (i), (l), (m) u (n), il-prodotti intenzjonati għall-provvista għandhom jitqiesu bħala intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant meta l-fornitur jiġi mgħarraf, li r-riċevitur għandu l-intenzjoni li juża l-prodotti bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1), il-punt (a) ma għandhomx jitqiesu li huma

l-Artikolu 21(1), il-punt (a) ma għandhomx jitqiesu li huma intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant jekk jiġu fornuti lil produttur ta’ merkanzija msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) ta’ dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1), il-punt (n).	intenzjonati għall-użu bħala fjuwil għat-tisħin jew karburant jekk jiġu fornuti lil produttur ta' merkanzija msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (n) ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 21(1), il-punt (n).

Or. en

Emenda 214
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti delegati ma għandhom jirriżultaw f’ebda bidla fir-rati minimi tat-taxxa stabbiliti f’din id-Direttiva jew fiż-żieda jew tneħħija ta’ ebda prodott tal-enerġija jew l-elettriku.	Dawk l-atti delegati ma għandhom jirriżultaw f'ebda bidla fir-rati minimi tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva jew fiż-żieda jew tneħħija ta' ebda prodott tal-enerġija jew l-elettriku. ***Il-Kummissjoni għandha tehmeż il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda mal-Anness I.***

Or. en

Emenda 215
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum	Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi***, mineraloġiċi*** u metallurġiċi, ***inklużi diversi metodi ta' produzzjoni tal-idroġenu bħall-piroliżi tal-metan jew il-qbid u l-użu tal-karbonju***

tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,

Or. en

Emenda 216
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, René Repasi, Irene Tinagli, Margarida Marques

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi ***u metallurġiċi***, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi***, metallurġiċi u mineraloġiċi***, ***inklużi anki diversi metodi ta' produzzjoni tal-idroġenu bħall-piroliżi tal-metan jew il-qbid u l-użu tal-karbonju*** meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,

Or. en

Emenda 217
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin	Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin

kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija ***rinnovabbli*** għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,

Or. en

Emenda 218
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,	— l-elettriku ***rinnovabbli*** użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-elettriku ***rinnovabbli*** jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,

Or. en

Emenda 219
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,	— l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici***, mineraloġiċi*** u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,

Or. en

Emenda 220
José Manuel García-Margallo y Marfil

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 - punt b – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- proċessi mineraloġiċi: "proċessi mineraloġiċi" għandha tfisser il-proċessi klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt il-kodiċi 23 "manifattura ta' prodotti oħra mhux metalliċi" fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 dwar il-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea

Or. en

Emenda 221
Othmar Karas

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	- proċessi mineraloġiċi, klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt il-kodiċi 23 "manifattura ta' prodotti oħra mhux metalliċi" fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 dwar il-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea

Or. en

Emenda 222
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-użi kollha tal-prodotti tal-enerġija u tal-elettriku f'impjanti koperti mill-iskema ta' permessi negozjabbli tal-Unjoni skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-punt għandu jiżdied bħala subpunt (c) tal-Artikolu 3(1).

Emenda 223
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx ikunu inqas ***mill-livelli*** minimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn din id-Direttiva.	1. Il-livelli ta' tassazzjoni li Stati Membri għandhom japplikaw fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku kif imniżżla fl-Artikolu 2 ma għandhomx ikunu inqas ***mil-livelli*** minimi ta' tassazzjoni kif preskritti minn ***din id-Direttiva, li huma s-somma tar-rata tal-komponent tal-enerġija u r-rata tal-komponent tal-karbonju li hija derivata mill-prezz minimu tal-karbonju indikat fl-Anness I ta'*** din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa għal raġunijiet urġenti relatati mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħrajn ammissibbli, b'mod partikolari emendi għall-Artikolu 1 – paragrafu 2, li jipprevedu t-tassazzjoni bbażata fuq l-enerġija kif ukoll fuq il-kontenut tal-karbonju tal-prodotti tal-enerġija. Għalhekk, l-Artikolu 4 – paragrafu 1 jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jispeċifika u jiddefinixxi li l-livelli minimi ta' tassazzjoni jkunu magħmula kemm minn rata tal-komponent tal-enerġija kif ukoll minn rata tal-komponent tal-karbonju, li hija derivata mill-prezz tal-karbonju indikat fl-Anness I emendat ta' din id-Direttiva.

Emenda 224
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva "livell ta' tassazzjoni" huwa l-piż totali ntaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief il-VAT) ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum.	2. Għall-iskop ta' din id-Direttiva "livell ta' tassazzjoni" huwa l-piż totali ntaxxat fir-rigward tat-taxxi indiretti kollha (ħlief il-VAT) ***inkluż il-prezz tal-karbonju stabbilit fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq stabbilita skont il-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE,*** ikkalkulat direttament jew indirettament fuq il-kwantità ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku meta dawn ikunu rilaxxati għall-konsum.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment is necessary for pressing reasons relating to the internal logic of the text and it is inextricably linked to other admissible amendments, in particular amendments on Article 1 – paragraph 2, which forsee the taxation based on the energy as well as on the carbon content of energy products. A minimum carbon price, introduced through this revised Council Directive, based on admissible amendments number 28 and 29, would complement the reform of the European Emission Trading System and would help achieving the European Union 2030 climate targets in a cost efficient way. In order to avoid double taxation the introduction of a minimum carbon price in this revised Council Directive has to allow the deduction of the carbon price established in the emission trading system for buildings and road transport established pursuant to Chapter IVa of Directive 2003/87/EC. Thus, Article 4 - paragraph 2 needs to be amended respectively

Emenda 225
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2a. L-impatt totali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni b'kont meħud tal-Anness Ia u tal-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva ma għandux jiżdied minn Jannar 2023 meta mqabbel mal-impatt totali tal-livelli minimi ffissati għall-31 ta' Diċembru 2022.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini u l-industrija tal-UE jinsabu issa sottoposti għal pressjoni severa f'termini ta' prezzijiet tal-enerġija. Għaldaqstant, il-prezzijiet attwali u tal-EUA ċertament joffru inċentiv suffiċjenti biex jonqos il-konsum tal-enerġija. Żieda konsiderevoli tal-livelli minimi tar-rati tat-tassazzjoni bejn l-2022 u l-2023 tirriskja li tkompli tikkompromett l-kompetittività tal-industriji tal-UE li tant għandhom bżonnha. Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr intoppi, mill-qafas tat-tassazzjoni fis-seħħ u mill-ġdida, l-impatt akkumulat tal-livelli minimi tar-rati tat-tassazzjoni applikabbli fl-1 ta' Jannar 2023 ma għandux ikun ogħla mill-impatt totali ta' dawk fis-seħħ fl-2022.

Emenda 226
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta livelli*** minimi ***ugwali*** ta' tassazzjoni ***jiġu stipulati fl-Anness I fir-rigward ta' użu speċifiku, livelli ugwali*** ta' tassazzjoni ***huma stabbiliti għal prodotti li jintużaw għal dak l-użu. F'kull ħin l-Istati Membri għandhom jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I fir-rigward ta' prodotti differenti għal kull użu partikolari***.	1. ***Jekk kemm-il darba dawn jirrispettaw il-livelli*** minimi ta' tassazzjoni ***kif preskritti minn din id-Direttiva u jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati differenzjati*** ta' tassazzjoni***, taħt kontroll fiskali, fil-każijiet li ġejjin: bejn użu għan-negozju u dak li mhuwiex, għall-prodotti ta' enerġija u elettriku li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 9 u 10***.

Or. en

Emenda 227
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta livelli minimi ugwali ta' tassazzjoni jiġu ***stipulati*** fl-Anness I fir-rigward ta' użu speċifiku, livelli ugwali ta' tassazzjoni huma stabbiliti għal prodotti li jintużaw għal dak l-użu. F'kull ħin l-Istati Membri għandhom jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni kif ***stipulati*** fl-Anness I fir-rigward ta' prodotti differenti għal kull użu partikolari.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta livelli minimi ugwali ta' tassazzjoni jiġu***stabbiliti***fl-Anness I fir-rigward ta' użu speċifiku, livelli ugwali ta' tassazzjoni huma stabbiliti għal prodotti li jintużaw għal dak l-użu. F'kull ħin l-Istati Membri għandhom jirreplikaw ukoll il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni kif***stabbilit***fl-Anness I fir-rigward ta' prodotti differenti għal kull użu partikolari. ***Bil-għan li jiġu evitati l-effetti ta' preċipizju, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu perkors ta' tranżizzjoni gradwali lejn il-klassifikazzjoni tal-livelli minimi tat-tassazzjoni kif stabbilit fl-Anness I. Tali perkors ta' tranżizzjoni għandu jiġi stabbilit bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, il-klassifikazzjoni proposta se tfisser bidla sinifikanti fit-tassazzjoni relattiva tad-diversi sorsi enerġetiċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri, f'dak il-każ, jitħallew jistabbilixxu perkors ta' tranżizzjoni (bi qbil mal-Kummissjoni), biex ma jkollhomx iżidu jew inaqqsu radikalment it-tassazzjoni fuq ċerti sorsi enerġetiċi bil-għan li japplikaw il-klassifikazzjoni proposta mal-ewwel.

Emenda 228
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jitqies flimkien ma' karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra indikati fit-Tabelli B u C tal-Anness I, ħlief	Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jitqies flimkien ma' karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra indikati fit-Tabelli B u C tal-Anness I, ħlief

meta l-Istati Membri japplikaw livell speċifiku ta’ tassazzjoni tal-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, f’liema każ l-elettriku għandu jitqies flimkien mal-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f’din id-Direttiva.	meta l-Istati Membri japplikaw livell speċifiku ta' tassazzjoni tal-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi ***u vetturi ibridi rikarikabbli***, f'liema każ l-elettriku għandu jitqies flimkien mal-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 229
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni stipulati f’din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta’ Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f’euro bil-bidla perċentwali f’dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta’ tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Indiċizzazzjoni awtomatika tkun tfisser żieda perpetwa fit-taxxi, barra mill-kontroll tal-Istati Membri.

Emenda 230
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	

Or. en

Emenda 231
Bogdan Rzońca, Andżelika Anna Możdżanowska

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li	

tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz jassumi li r-rati tat-taxxa se jkunu soġġetti għal indiċizzazzjoni annwali bbażata fuq l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat, ippubblikat mill-Eurostat. Din is-soluzzjoni għandha ħafna żvantaġġi, l-aktar minħabba l-impossibbiltà li jiġu stmati fit-tul l-ispejjeż imġarrba mill-kumpaniji u mill-konsumaturi individwali. Din is-soluzzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jiżdiedu aktar il-prezzijiet tal-enerġija, li diġà qed jilħqu livelli rekord.

Emenda 232
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	

Or. en

Emenda 233
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti***.	2. ***Meta japplika perjodu ta' tranżizzjoni kif previst fl-Anness I, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bżonn li ttawwal il-perjodu ta' tranżizzjoni. Il-Kummissjoni għandha għalhekk iżżomm taħt eżami l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti f'din id-Direttiva, bi qbil mal-Artikolu 31. Fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tikkunsidra b'mod partikolari l-maturità teknoloġika u tas-suq ta' vetturi enerġetiċi alternattivi, kif ukoll tqis il-valutazzjonijiet min-naħa tal-Istati Membri li juru li alternattivi aktar nodfa mhumiex disponibbli fil-pront fuq is-suq u mhumiex mistennija li jkunu disponibbli f'qasir żmien***.

Or. en

Emenda 234
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ***ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva*** għandhom jiġu adattati ***kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament***, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena ***kalendarja*** preċedenti.	2. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati ***abbażi ta' valutazzjoni trasparenti u olistika li tqis bis-sħiħ ir-riskju tat-telf tal-kompetittività internazzjonali***, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena ***ta' kalendarju*** preċedenti.

Or. en

Emenda 235
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni ***stipulati*** f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull ***sena*** mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul ***is-sena kalendarja*** preċedenti.	2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni ***stabbiliti*** f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull ***ħames snin*** mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi ***medju*** matul ***il-ħames snin ta' kalendarju*** preċedenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-indiċizzazzjoni annwali tar-rati minimi tal-prezzijiet għall-konsumatur mhijiex koerenti mal-objettivi ġenerali tal-pakketti "Lesti għall-Mira ta' 55 %". Il-forza motriċi ewlenija tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija hija l-allinjament ta' din id-Direttiva mal-ambizzjonijiet klimatiċi ġenerali. F'dan is-sens, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tista' tikkontribwixxi billi toffri inċentivi għall-iżvilupp u għall-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli. Indiċizzazzjoni annwali qiegħda sempliċement tiggarantixxi introjtu kostanti mit-tassazzjoni, indipendentement mill-ambizzjonijiet klimatiċi.

Emenda 236
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Eva Kaili, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel	***imħassar***

subparagrafu.

Or. en

Emenda 237
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.
	Il-bidliet fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandhom ikunu ġustifikati kif dovut bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, speċjalment l-objettivi stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u l-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.
	Il-bidliet fil-livelli minimi ta' tassazzjoni ma għandhom iġibu l-ebda wieħed minn dawk il-livelli minimi għal 0, sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 238
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-	Meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta'

Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033. Għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta’ tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***tranżizzjonali*** għandu japplika sal-1 ta’ Jannar 2033.	tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 239
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Nicola Beer, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033. Għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, ***il-livell*** minimu ta’ tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta’ Jannar 2033.***	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu***ta' tranżizzjoni***jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ***għandu japplika l-livell***minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu***ta' tranżizzjoni*** .

Or. en

Emenda 240
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-

Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033. ***Għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta’ tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta’ Jannar 2033.***	Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jkunu ta' oriġini fossili jew nukleari, huma wkoll intensivi ħafna fl-użu tal-enerġija, u għalhekk il-produzzjoni tagħhom ma tantx hija effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk ir-rati tat-taxxa tagħhom jeħtieġ li jirriflettu dan u ma jistgħux jitqiegħdu fuq l-istess livell jew saħansitra jingħataw trattamenti preferenzjali fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 241
Eva Kaili

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Moratorju għal reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda u territorji b'arċipelagi mdaqqsa
	Għal reġjuni remoti, periferiċi u insulari u għal territorji b'arċipelagi mdaqqsa li m'għandhomx kollegamenti diretti bit-triq, bil-ferrovija jew b'pont mal-Ewropa kontinentali, u li l-ekonomija tagħhom tiddependi ħafna mit-turiżmu, it-taxxa fuq il-pitrolju se titneħħa għal titjiriet lejn u minn tali reġjuni u territorji, matul l-ewwel għaxar snin, u mbagħad se tiżdied f'ħames fażijiet annwali ndaqs fil-ħames snin ta' wara biex jintlaħqu l-livelli miksuba għat-titjiriet kollha fi tmiem il-perjodu ta' ħmistax-il sena. Il-kundizzjonijiet ta' kwalifika għall-moratorju u tal-applikazzjoni tiegħu għandhom jiġu ddefiniti minn att delegat.

Or. en

Emenda 242
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Margarida Marques, Eva Kaili, Pedro Marques, Pedro Silva Pereira, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Moratorju għal reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda
	Dment li għar-reġjuni insulari li ma għandhomx kollegamenti bit-triq, bil-ferrovija jew b'pont mal-Ewropa kontinentali, u għar-reġjuni periferiċi u mbiegħda, speċjalment dawk b'ekonomija li tiddependi ħafna mit-turiżmu, it-taxxa fuq il-pitrolju se titneħħa għal titjiriet lejn u minn tali reġjuni, matul l-ewwel ħames snin, u mbagħad se tiżdied f'ħames fażijiet annwali ndaqs fil-ħames snin ta' wara biex jintlaħqu l-livelli miksuba għat-titjiriet kollha fl-aħħar tal-perjodu ta' għaxar snin. Se jittieħdu l-miżuri kollha ta' prekawzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe "détournement de trafic" (devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali) fl-użu tal-pitrolju. Il-kundizzjonijiet ta' kwalifika għall-moratorju u tal-applikazzjoni tiegħu għandhom jiġu ddefiniti minn att delegat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The tax on aviation fuel as proposed will crucially affect the competitiveness of insular, peripheral and remote regions, which have no road, rail or bridge alternatives by which to maintain connectivity with the European mainland, especially when tourism accounts for a significant proportion of their economy. Such territories need to be given a breathing space (of five years) in order to provide them with a chance of maintaining some degree of competitiveness before taxes on the aviation fuel used to reach them by air begin to be introduced. Commenced as of the sixth year, taxation levels would then reach over five years, the same levels applicable to all other territories in the Union.

Emenda 243
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jkunu ta' oriġini fossili jew nukleari, huma wkoll intensivi ħafna fl-użu tal-enerġija, u għalhekk il-produzzjoni tagħhom ma tantx hija effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk ir-rati tat-taxxa tagħhom jeħtieġ li jirriflettu dan u ma jistgħux jitqiegħdu fuq l-istess livell jew saħansitra jingħataw trattamenti preferenzjali fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 244
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu	Meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-

ta’ tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***tranżizzjonali*** għandu japplika sal-1 ta’ Jannar 2033.	ewwel sena tal-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 245
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Nicola Beer, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033. Għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta’ tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***tranżizzjonali*** għandu japplika ***sal-1 ta’ Jannar 2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta’ tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta’ Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** għandu japplika ***b'mod permanenti***.

Or. en

Emenda 246
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) xogħol agrikolu, ortikulturali jew akkwakulturali , u fil-foresti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn jitqiesu bħala sussidji dannużi għall-produzzjoni tal-ikel intensiva fl-enerġija, u għalhekk it-tħassir huwa konformi mat-tmien Pjan ta' Azzjoni Ambjentali biex jiġu eliminati s-

sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Emenda 247
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 − paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	Meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 248
Bogdan Rzońca, Andżelika Anna Możdżanowska

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 − paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2035***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to the ETD proposal, the minimum rate for coal used for heating purposes shall be EUR 0.9/GJ (both during and after the transitional period). Under the current rules, this rate is 0.3 EUR/GJ for non-commercial and 0.15 EUR/GJ for commercial use. For gas used for heating, the minimum rate shall be EUR 0.6/GJ at the beginning of the transitional period and EUR 0.9/GJ after the end of it. During the transition period, this rate shall increase every year by 1/10 of the difference, i.e., by EUR 0.03/GJ. Under the present rules, this rate is EUR 0.3/GJ for non-commercial and EUR 0.15/GJ for commercial use. This means that in the case of energy products used for heating purposes, the minimum rate of excise duty for natural gas will rise more than twice, and for coal more than three times. Thus, the provisions of the revised ETD directive will primarily affect the heating sector and will result in significant increases in the tax burden. Moreover, such increases will be most noticeable in the case of co-generation of heat and electricity.The process of transition to green economy cannot be completed before the planned entry into force of the revised ETD directive. It is particularly important, that in the initial transformation period, the minimum levels of taxation of energy products and electricity remain at the current level. Setting too high minimum tax rates for fossil fuels at the beginning of the transitional period will lead to an excessive burden on electricity and heat for consumers in low-income Member States, where the share of electricity and heating bills in household budgets is much higher than in other Member States. Establishing, in the case of coal, the same rate of taxation at the beginning and at the end of the transitional period raises justified doubts as to what the transitional period for this fuel consists of.

Emenda 249
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 − paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. ***Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.***	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jkunu ta' oriġini fossili jew nukleari, huma wkoll intensivi ħafna fl-użu tal-enerġija, u għalhekk il-produzzjoni tagħhom ma tantx hija effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Għalhekk ir-rati tat-taxxa tagħhom jeħtieġ li jirriflettu dan u ma jistgħux jitqiegħdu fuq l-istess livell jew saħansitra jingħataw trattamenti preferenzjali fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli.

Emenda 250
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Nicola Beer, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 − paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***tranżizzjonali*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***tranżizzjonali*** għandu japplika ***sal-1 ta' Jannar 2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu ***ta' tranżizzjoni*** jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** għandu japplika ***b'mod permanenti***.

Or. en

Emenda 251
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 − paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Stati*** Membri jistgħu jesprimu l-livelli nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni f'unitajiet barra minn dak speċifikat fl-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba l-livelli korrispondenti ta' tassazzjoni, wara li jinqalbu ***f' dawk l- unitajiet***, ma jkunux inqas mil-livelli minimi kif speċifikati f'din id-Direttiva.	1. ***L-Istati*** Membri jistgħu jesprimu l-livelli nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni f'unitajiet barra minn dak speċifikat fl-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba l-livelli korrispondenti ta' tassazzjoni, wara li jinqalbu ***f'dawk l-unitajiet***, ma jkunux inqas mil-livelli minimi kif speċifikati f'din id-Direttiva ***f'konformità mat-tabella ta'***

konverżjoni.

Or. en

Emenda 252
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 − paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati biex jipproduċu l-elettriku u l-elettriku użat biex iżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku.	1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali l-prodotti tal-enerġija ***rinnovabbli*** u l-elettriku ***rinnovabbli*** użati biex jipproduċu l-elettriku u l-elettriku użat biex iżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku.

Or. en

Emenda 253
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a L-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali fuq il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, kif definit fil-punt (34) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja hija rikonoxxuta fid-Direttiva 2012/27/UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika, u r-reviżjonijiet sussegwenti tagħha, bħala alternattiva aktar effiċjenti għall-impjanti konvenzjonali tal-enerġija biss. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kawża C-31/17, tiċċara li l-istess trattament għandu

japplika għall-enerġija użata fl-elettriku ġġenerati mill-enerġija biss jew mis-sħana u l-enerġija kkombinati, filwaqt li tirrikonoxxi l-vantaġġi kumplessivi fl-effiċjenza enerġetika tal-ġenerazzjoni mis-sħana u l-enerġija kkombinati għall-produzzjoni kombinata kemm tas-sħana kif ukoll tal-enerġija.

Emenda 254
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva. F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta' dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulat fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku stipulat fl-Artikolu 10.	***imħassar***

Or. en

Emenda 255
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni ***stipulati*** f'din id-Direttiva. F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta'	2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, ***klimatika u tal-enerġija,*** jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni ***stabbiliti*** f'din id-Direttiva.

dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif ***stipulat*** fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku ***stipulat*** fl-Artikolu 10.

F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta' dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif ***stabbilit*** fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku ***stabbilit*** fl-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 256
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal prodotti tal-enerġija u tal-elettriku użati għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja.

Or. en

Emenda 257
Gunnar Beck

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-perjodu ta' eżenzjoni jsir subordinat għad-disponibbiltà u għall-kompetittività tal-prezzijiet ta' fjuwils alternattivi u kwalunkwe dispożizzjoni jenħtieġ li tkun inkluża biex tkun permessa estensjoni tal-perjodu ta' eżenzjoni. Bil-għan li l-produzzjoni tal-elettriku u tal-fjuwils alternattivi titqawwa, jenħtieġ li d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija tipprevedi eżenzjoni obbligatorja għas-setturi kollha. Id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija trid tamplifika l-eżenzjonijiet obbligatorji mit-taxxa peress li l-eżenzjonijiet mit-taxxa fakultattivi huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, fatt li jista' joħloq inċertezzi, pożijiet għall-kumpaniji u jista' jwassal għal tassazzjoni doppja.

Emenda 258
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 92/12/KEE dwar l-użu eżentat ta' prodotti suġġetti għas-sisa, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil ta' bastiment tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni f'kundizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u diretta ta' tali eżenzjonijiet u tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż.* ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "bastiment tas-sajd" għandha tfisser kwalunkwe bastiment kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40 a]. _____ ***[40 a] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li***

jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 259
Irene Tinagli, Elisabetta Gualmini

Proposta għal direttiva
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 92/12/KEE dwar l-użu eżentat ta' prodotti taxxabbli, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għal bastiment tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u l-elettriku prodott abbord bastiment tas-sajd, mit-tassazzjoni taħt kondizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u sempliċi ta' tali eżenzjonijiet u tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "bastiment tas-sajd" għandha tfisser kwalunkwe bastiment kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 260
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, ***kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment,*** l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' ***dawk it-titjiriet***.	1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' ***titjiriet inklużi t-titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment***. ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għal finijiet personali jew rikreattivi mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali. Għal tali titjiriet, ir-rati indikati fit-Tabella A tal-Anness I għandhom jirduppjaw.***

Or. en

Emenda 261
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi	1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi

internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta’ din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta’ titjiriet ***għajr titjiriet għal skopijiet ta’ negozju u ta’ divertiment***, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta’ tassazzjoni preskritti f’din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta’ inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta’ navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta’ dawk it-titjiriet.	internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.

Or. en

Emenda 262
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b’għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta’ għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta’ żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta’ għaxar snin.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ċar li l-perjodu ta' tranżizzjoni huwa twil wisq u jagħmel ħsara lill-objettivi ta' din id-Direttiva.

Emenda 263
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b’għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***tranżizzjonali*** ta’ għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta’ żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***tranżizzjonali*** ta’ għaxar snin.	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin***, li jibda minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin.

Or. en

Emenda 264
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena ***b’għaxra*** fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***tranżizzjonali ta’ għaxar*** snin. Għandha tapplika rata minima ta’ żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***tranżizzjonali*** ta’ għaxar snin.	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena ***b'għoxrin*** fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***ta' tranżizzjoni ta' ħames*** snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin.

Or. en

Emenda 265
Ondřej Kovařík, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b’għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***tranżizzjonali*** ta’ għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta’ żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku ***fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta’ għaxar snin***.	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Or. en

Emenda 266
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta’ tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b’għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***tranżizzjonali*** ta’ għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta’ żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta’ oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u

l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku ***fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin***.	l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Or. en

Emenda 267
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero ***għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli,*** għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***tranżizzjonali*** ta' għaxar snin.	Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin ***stabbilit fit-Tabelli A u D tal-Anness I***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe eżenzjoni parzjali għat-tassazzjoni tal-fjuwil tal-ġettijiet, u aktar u aktar waħda sħiħa kif kien il-każ sal-lum, issir de facto sussidju moħbi għall-avjazzjoni. Dan għandu jintemm immedjatament u mhux progressivament fuq għaxar snin, biex jikkontribwixxi għall-internalizzazzjoni dovuta tal-ispejjeż ambjentali u klimatiċi tal-avjazzjoni, u sabiex finalment jinħolqu kundizzjonijiet ekwi ma' modi oħra li għandhom l-enerġija li jużaw intaxxata minflok.

Emenda 268
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' ***merkanzija*** bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi ***għal kwalunkwe skop, inkluż*** għall-ġarr ta' passiġġieri***, ta' merkanzija*** jew ta' ***oġġetti*** bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni għal titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija ma tidhirx ġustifikata, b'mod partikolari meta l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tistabbilixxi objettivi għal bidla modali lejn il-ferroviji kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. L-eżenzjoni mit-

tassazzjoni tat-titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija tkun tieħu azzjoni fid-direzzjoni opposta, tiġġenera vantaġġ kompetittiv għall-merkanzija ttrasportata permezz tal-avjazzjoni u tipprevjeni kundizzjonijiet ekwi għall-ferroviji.

Emenda 270
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għal finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 271
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta'	

tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluż titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni għal titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija ma tidhirx ġustifikata, b'mod partikolari meta l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tistabbilixxi objettivi għal bidla modali lejn il-ferroviji kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. L-eżenzjoni mit-tassazzjoni tat-titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija tkun tieħu azzjoni fid-direzzjoni opposta, tiġġenera vantaġġ kompetittiv għall-merkanzija ttrasportata permezz tal-avjazzjoni.

Emenda 272
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	

Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluż titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

Or. en

Emenda 273
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta'	

titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Eżenzjoni għal titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija ma tidhirx ġustifikata, b'mod partikolari meta l-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tistabbilixxi objettivi għal bidla modali lejn il-ferroviji kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija. L-eżenzjoni mit-tassazzjoni tat-titjiriet għall-ġarr tal-merkanzija tkun tieħu azzjoni fid-direzzjoni opposta, tiġġenera vantaġġ kompetittiv għall-merkanzija ttrasportata permezz tal-avjazzjoni u tipprevjeni kundizzjonijiet ekwi għall-ferroviji.

Emenda 274
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati ***għall-każijiet kollha meta jkunu koperti mill-ETS tal-avjazzjoni eżistenti***.

Or. en

Emenda 275
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 276
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 277
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża titjiriet li jġorru passiġġier	***imħassar***

wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

Or. en

Emenda 278
Paul Tang, Aurore Lalucq, Niels Fuglsang, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE ***skont it-tip ta' titjira***.	3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE.

Or. en

Emenda 279
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE skont it-tip ta' titjira.	3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE skont it-tip ta' titjira.

Or. en

Emenda 280
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali ***jew parzjali*** għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.

Or. en

Emenda 281
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji***, kif ukoll għall-fini ta' taxiing elettriku awtonomu minn inġenji tal-ajru, jew għal vetturi elettriċi tal-art li jassistu f'operazzjonijiet ta' pushback u rmunkar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Besides the stationary stand-by functioning under electricity, it has to be envisaged the possibility for fully electric operations aimed at moving and positioning aircraft in the ground (other than take-off and landing). Even if they are a small fraction within the overall picture, the ground operation emissions are possibly the most easily abated within aviation, and technology to make it possible already exist, both in-built in planes and externally provided. Such electrification and the avoidance of the operation of fuel engine ought to have moreover a significant positive impact in the air quality of areas surrounding airport.

Emenda 282
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, “provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru ***stazzjonarju***” għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta’ interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f’pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'koerenza mal-emenda preċedenti fejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-elettrifikazzjoni fuq il-post imur lil hinn mis-sitwazzjoni stazzjonarja, iżda għandu jinkludi wkoll operazzjonijiet ta' taxiing, pushback u rmunkar.

Emenda 283
Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel, Nicola Beer

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Id-dħul iġġenerat għandu jiġi allokat mill-Istati Membri u jintuża biex jappoġġa proġetti u investimenti fis-settur tal-avjazzjoni. Jenħtieġ li l-proġetti u l-investimenti eliġibbli jiffukaw fuq l-effiċjenza fl-enerġija, it-tranżizzjoni enerġetika, l-ajruporti sostenibbli u ċirkolari, it-teknoloġiji innovattivi u l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, filwaqt li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba ż-żieda fil-pressjoni tal-miżuri klimatiċi meħtieġa u sabiex tiġi limitata l-possibbiltà ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, is-settur tal-avjazzjoni għandu jiġi appoġġat fit-tranżizzjoni enerġetika tiegħu.

Emenda 284
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***B*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***A*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.

Or. en

Emenda 285
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni***, sajd*** u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjonijiet mit-taxxa għall-fjuwil użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinżammu sabiex jiġi evitat li l-bastimenti jiċċaqalqu għar-riforniment lejn pajjiżi fejn ir-rati jew il-prezzijiet tat-taxxa huma aktar baxxi, u għalhekk biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, it-tassazzjoni fuq il-fjuwil tirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn it-territorji u l-flotot għad-detriment tal-flotta qrib il-kosta, li ma tistax tagħmel vjaġġi twal biex tagħżel fejn għandha terġa' tieħu l-fjuwil.

Emenda 286
Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, mekkaniżmu ta' kalkolu biex tintaxxa l-ammont ta' fjuwil ikkonsmat fl-ilmijiet tal-UE, abbażi tas-sistema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika (MRV).***[1a]
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu limitati l-possibbiltajiet ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, huwa biss l-ammont ta' żejt tqil użat fl-ilmijiet tal-UE li għandu jiġi ntaxxat. B'riżultat ta' dan, jitnaqqas l-inċentiv għall-bunkering barra mill-UE, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu ta' alternattivi sostenibbli.

Emenda 287
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 288
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu ***tranżizzjonali*** ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ***tal-karbonju, għall-karbonju*** rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	Fuq perjodu ***ta' tranżizzjoni*** ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero ***għall-gass naturali likwifikat,*** għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ***ta' karbonju, għall-fjuwils*** rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Or. en

Emenda 289
Ondřej Kovařík, Nicola Beer, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	Għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Or. en

Emenda 290
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero ***għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,*** għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku ***stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I***.

Or. en

Emenda 291
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, “navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE” għandha tfisser navigazzjoni ***bejn żewġ portijiet li jinsabu*** fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni ***li tasal jew li titlaq minn port li jinsab*** fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bastimenti li jistadu f'ibħra miftuħa jew bastimenti li jistadu barra miż-ŻEE huma l-bastimenti tas-sajd li jikkunsmaw l-aktar fjuwil kif ukoll dak li jibbenefika l-aktar mill-eżenzjonijiet tal-fjuwil, it-test attwali jħallihom mhux intaxxati, u b'hekk ma jipprovdix is-sinjal it-tajjeb għall-bdil tal-fjuwil jew iċ-ċaqliq lejn operazzjonijiet u powering ta' bastimenti aktar sostenibbli. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni mwessa' huwa koerenti mal-approċċ meħud fl-abbozz ta' proposta leġiżlattiva FuelEU maritime.

Emenda 292
Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, “trasport tal-merkanzija” għandha tfisser servizz skedat jew mhux skedat li jitwettaq minn bastiment li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, esklużi vjaġġi li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u vjaġġi elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasport tal-merkanzija" għandha tfisser servizz skedat jew mhux skedat li jitwettaq minn bastiment li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, esklużi vjaġġi li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u vjaġġi elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri. ***Dan għandu jinkludi vjaġġi li normalment jintużaw għat-trasport tal-merkanzija, iżda li, għal raġunijiet loġistiċi, ma jġorrux tagħbijiet bi ħlas.*** *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bastimenti xi drabi, għal raġunijiet ekonomiċi u loġistiċi, ikollhom jinnavigaw mingħajr merkanzija jew b'kontejners vojta. Peress li dawn il-vjaġġi jitwettqu għal raġunijiet ta' bżonn,

ikun inġust li dawn jiġu esklużi mid-definizzjoni tat-trasport tal-merkanzija jekk il-bastiment jintuża għal dawn il-finijiet. Għalhekk, dan għandu jiġi ċċarat.

Emenda 293
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.	2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.

Or. en

Emenda 294
Nicola Beer

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.	2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.

Or. en

Emenda 295
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet ***jew batteriji mobbli tal-bastimenti ċċarġjati mill-ġdid fl-irmiġġ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidliet biex saħansitra jkomplu jinċentivaw il-provvista tal-enerġija fuq l-art għall-bastimenti kollha, u b'hekk jgħinu fit-titjib tal-kwalità tal-arja fil-portijiet.

Emenda 296
Ondřej Kovařík, Nicola Beer, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali ***jew parzjali*** għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw**,** taħt kontroll fiskali**,** eżenzjonijiet totali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.

Or. en

Emenda 297
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa , li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I, fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati sabiex isaħħnu jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2) , il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:	applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I ***għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***, fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati sabiex isaħħnu jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2), il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali ma' eżenzjonijiet mogħtija lil unitajiet domestiċi vulnerabbli, in-negozji għandhom ukoll ikunu soġġetti biss għal eżenzjoni temporanja.

Emenda 350
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) favur impriżi b'konsum enerġetiku għoli	***imħassar***
"Impriża b'konsum enerġetiku għoli" għandha tfisser entità kummerċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 19, fejn jew ix-xiri ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku jammontaw għal mill-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew it-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-valur miżjud.	
"Xiri ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku" għandha tfisser l-ispiża attwali ta' enerġija mixtrija jew iġġenerata fin-negozju. Prodotti tal-elettriku, sħana u enerġija biss u li jintużaw sabiex isaħħnu jew skont l-iskopijiet tal-Artikolu 8(2)(b) u (c) huma inklużi. It-taxxi kollha huma inklużi, ħlief il-VAT deduċibbli .	
"Valur tal-produzzjoni" għandha tfisser fatturat , u tinkludi sussidji direttament	

marbutin mal-prezz tal-prodott, bit-tibdil fl-istokks tal-prodotti finali, ix-xogħol fl-idejn u oġġetti u servizzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu jew mingħajrhom , mingħajr ix-xiri ta' oġġetti li se jerġgħu jinbiegħu.

"Valur miżjud" għandha tfisser il-fatturat totali li fuqu tapplika l-VAT li jinkludi bejgħ permezz ta' esportazzjoni mingħajr ix-xiri totali li fuqu tapplika l-VAT inkluż l-importazzjonijiet .

Or. en

Emenda 351
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) favur impriżi b'konsum enerġetiku għoli	(a) favur impriżi b'konsum enerġetiku għoli ***bil-kundizzjoni li jiġu konklużi ftehimiet bejniethom (il-benefiċjarji), jew assoċjazzjonijiet ta' benefiċjarji, u l-Istat Membru li bih il-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet tal-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jiksbu operazzjoni ta' negozju effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, ċirkolari, mingħajr tniġġis u bbażata fuq sorsi rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jirrelataw, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli, tnaqqis fl-emissjonijiet u sustanzi niġġiesa oħra, jew kwalunkwe miżura oħra ta' protezzjoni ambjentali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli. L-eżenzjoni mit-taxxa għan-

negozji għandha tkun kundizzjonali għal azzjonijiet li jiżguraw it-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom, bħal investimenti f'operazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'operazzjoni ċirkolari u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dan l-approċċ jirrifletti wkoll dak li ġie definit fil-Linji Gwida li għadhom kif ġew adottati dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022.

Emenda 352
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Impriża b'konsum enerġetiku għoli" għandha tfisser entità kummerċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 19, fejn jew ix-xiri ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku jammontaw għal mill-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew it-taxxa nazzjonali pagabbli fuq l-enerġija tammonta għal mill-inqas 0,5 % tal-valur miżjud.	***imħassar***

Or. en

Emenda 353
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Xiri ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku" għandha tfisser l-ispiża attwali ta' enerġija mixtrija jew iġġenerata fin-negozju. Prodotti tal-elettriku, sħana u enerġija biss u li jintużaw sabiex isaħħnu jew skont l-iskopijiet tal-Artikolu 8(2)(b) u (c) huma inklużi. It-taxxi kollha huma inklużi, ħlief il-VAT deduċibbli .	***imħassar***

Or. en

Emenda 354
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Valur tal-produzzjoni" għandha tfisser fatturat , u tinkludi sussidji direttament marbutin mal-prezz tal-prodott, bit-tibdil fl-istokks tal-prodotti finali, ix-xogħol fl-idejn u oġġetti u servizzi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu jew mingħajrhom , mingħajr ix-xiri ta' oġġetti li se jerġgħu jinbiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 355
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Valur miżjud" għandha tfisser il-fatturat totali li fuqu tapplika l-VAT li jinkludi bejgħ permezz ta' esportazzjoni mingħajr ix-xiri totali li fuqu tapplika l-VAT inkluż l-importazzjonijiet .	***imħassar***

Or. en

Emenda 356
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Fil-kuntest tal-appoġġ tal-gvern lill-kumpaniji bl-ogħla emissjonijiet nazzjonali tas-CO2, jistgħu jsiru ftehimiet

individwali bejn kumpanija u l-Istat Membru rispettiv tagħha fir-rigward ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-konsum tal-prodotti tal-enerġija. Dan l-appoġġ huwa permess sakemm ikun marbut ma' pjanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis tas-CO2 li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-2030 u l-2050 tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 357
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fejn ikun*** hemm ftehim ***milħuq ma***' entitajiet kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 19 jew assoċjazzjonijiet ***ta' dawn*** l-entitajiet kummerċjali ***, jew fejn skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet jew miżuri ekwivalenti jkunu implimentati, jekk kemm-il darba jwasslu biex jintlaħqu l-objettivi dwar protezzjoni ambjentali jew titjib fl-effiċjenza tal-enerġija***.	(b) ***favur negozji oħra, speċjalment SMEs u negozji ġodda, bil-kundizzjoni li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Istati Membri u jkun*** hemm ftehim ***milħuqma***' entitajiet kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 19 jew assoċjazzjonijiet ***ta'dawn*** l-entitajiet kummerċjali ***fejn il-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet tal-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jiksbu operazzjoni ta' negozju effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, ċirkolari, mingħajr tniġġis u bbażata fuq sorsi rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jirrelataw, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli, tnaqqis fl-emissjonijiet u sustanzi niġġiesa oħra, jew kwalunkwe miżura oħra ta' protezzjoni ambjentali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli. L-eżenzjoni mit-taxxa għan-negozji għandha tkun kundizzjonali għal azzjonijiet li jiżguraw it-tranżizzjoni ekoloġika

tagħhom, bħal investimenti f'operazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'operazzjoni ċirkolari u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dan l-approċċ jirrifletti wkoll dak li ġie definit fil-Linji Gwida li għadhom kif ġew adottati dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022.

Emenda 358
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istat Membru jivverifika l-ħtieġa ta' tnaqqis fit-taxxa biex jikkontribwixxi indirettament għal livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali permezz ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa ex ante fejn is-setturi eliġibbli għat-tnaqqis huma deskritti kif xieraq u tiġi pprovduta lista tal-akbar benefiċjarji għal kull settur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli.

Emenda 359
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-ftehimiet imsemmija fil-Paragrafu 1 ittra a) u b) iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
	(i) is-sustanza tal-ftehimiet hi nnegozjata mill-Istat Membru, u tispeċifika l-miri u tistabilixxi skeda ta' żmien biex jintlaħqu dawn il-miri;

(ii) l-Istat Membru jassigura monitoraġġ indipendenti u regolari ta' l-impenji fil-ftehimiet;

(iii) il-ftehimiet jiġu riveduti perjodikament fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u żviluppi oħra u jipprevedu penali effettivi fil-każ li l-impenji ma jiġux issodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli. L-eżenzjoni mit-taxxa għan-negozji għandha tkun kundizzjonali għal azzjonijiet li jiżguraw it-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom, bħal investimenti f'operazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'operazzjoni ċirkolari u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dan l-approċċ jirrifletti wkoll dak li ġie definit fil-Linji Gwida li għadhom kif ġew adottati dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022.

Emenda 360
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istat Membru jrid jimpenja ruħu wkoll li jimmonitorja li l-benefiċjarji definiti fl-ittra a) u b) jagħmlu wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
	(a) meta l-benefiċjarji jkunu meħtieġa jwettqu awditu tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE, jimplimentaw rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar, sal-punt li ż-żmien ta' ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiżx it-3 snin u li l-kostijiet tal-investimenti tagħhom ikunu proporzjonati;
	(b) inaqqas l-impronta tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-konsum tal-elettriku tiegħu, sabiex ikopri kemm jista' jkun il-konsum tal-enerġija, u mill-inqas 50 % minn sorsi

addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli;

(c) jinvesti mill-inqas 80 % tal-ammont tat-tnaqqis tat-taxxa fi proġetti li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjoni; fejn applikabbli, l-investiment jenħtieġ li jwassal għal tnaqqis għal livell ferm taħt il-parametru referenzjarju rilevanti użat għall-allokazzjoni bla ħlas fl-ETS tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa minħabba raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test u hija marbuta b'mod inseparabbli ma' emendi oħra ammissibbli. L-eżenzjoni mit-taxxa għan-negozji għandha tkun kundizzjonali għal azzjonijiet li jiżguraw it-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom, bħal investimenti f'operazzjoni aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, f'operazzjoni ċirkolari u fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dan l-approċċ jirrifletti wkoll dak li ġie definit fil-Linji Gwida li għadhom kif ġew adottati dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2022.

Emenda 361
Esther de Lange

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tnaqqis temporanju favur negozji b'impjiegi sinifikanti u pjan konkret ta' tnaqqis tas-CO2.
	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw dan it-tnaqqis temporanju għal massimu ta' għaxar snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. In-negozji għandhom juru lill-Istat Membru rispettiv tagħhom li għandhom pjanijiet għat-tnaqqis tas-CO2 li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-2030 u l-2050 tal-Unjoni. It-tnaqqis temporanju għandu jiġi applikat biss għal negozji li joffru ammont sinifikanti ta' impjieg, li għandu jiġi vvalutat mill-Istat Membru rispettiv.

Ġustifikazzjoni

Bil-prezzijiet attwali tal-enerġija fl-ogħla livell rekord, ħafna negozji qed jitħabtu biex iħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom, inklużi negozji li mhumiex klassifikati bħala "intensivi fl-enerġija". Tnaqqis temporanju u limitat jista' jgħin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-UE, mingħajr ma jeħtieġ li l-Istati Membri jnaqqsu b'mod permanenti r-rati tat-taxxa tagħhom.

Emenda 362
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
1.	
Stat Membru li jixtieq jintroduċi dawn il-miżuri għandu jinforma lill-Kummissjoni kif xieraq u għandu wkoll jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja.	
Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba, u tieħu inkonsiderazzjoni, inter alia, l-iffunzjonar kif suppost tas-suq intern, il-ħtieġa li tassigura kompetizzjoni ġusta u politiki tal-Unjoni dwar saħħa, ambjent, enerġija u trasport.	
Fi żmien tliet xhur milli tirċievi l-informazzjoni kollha relevanti u neċessarja, il-Kummissjoni għandha jew tippreżenta proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip mill-Kunsill jew, inkella, tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet għala ma għamlitx proposta għall-awtorizzazzjoni ta' miżura ta' dan it-tip.	
2. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw għall-perjodu massimu ta' sitt snin, bil-possibilità ta' tiġdid skont il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 1.	
3. Jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-miżuri provduti fil-paragrafu 1 mhumiex	

iktar sostenibbli, partikolarment f'termini ta' kompetizzjoni ġusta jew tfixkil fl-operat tas-suq intern, jew f'termini tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa, protezzjoni tal-ambjent, enerġija u trasport, hija għandha tissottometti proposti xierqa lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni unanima fuq dawn il-proposti.

Or. en

Emenda 363
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Flimkien ma dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari fl-Artikoli 14 , ***15 , 16, 17 u*** 18, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet ***jew*** tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi. Fejn meħtieġ, għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi rati speċifiċi miżjuda li jidderogaw mill-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I.	1. Flimkien ma dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari fl-Artikoli 14***, 15***, ***16, 17 u*** 18, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet ***jew*** tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi. Fejn meħtieġ, għal raġunijiet ta' ***tranżizzjoni ġusta,*** protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi rati speċifiċi miżjuda li jidderogaw mill-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I.

Or. en

Emenda 364
Claude Gruffat

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku u transformers tal-elettriku ***jistgħu*** jitqiesu bħala ridistributuri meta jipprovdu l-elettriku.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, faċilitajiet tal-ħżin tal-elettriku***, inklużi vetturi elettriċi, batteriji li huma proprjetà ta' konsumaturi attivi jew ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli*** u transformers tal-elettriku ***għandhom*** jitqiesu bħala ridistributuri meta jipprovdu l-elettriku ***u ma għandhom ikunu soġġetti għal ebda tassazzjoni doppja***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li d-dispożizzjoni fid-Direttiva attwali dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija mhijiex ċara, il-konsumaturi li jipprovdu rispons għad-domanda u li b'hekk jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku tagħhom permezz tal-batteriji tagħhom jew tal-vetturi elettriċi tagħhom jinsabu fir-riskju li jiġu soġġetti għal tassazzjoni doppja. Għalkemm il-kwistjoni ġiet indirizzata fit-test, għandu jkun rekwiżit u mhux biss għażla, li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija jitqiesu bħala ridistributur u d-dispożizzjoni għandha tiġi ċċarata biex jiġi żgurat li tapplika wkoll għall-konsumaturi attivi u biex tittejjeb iċ-ċarezza legali.

Emenda 365
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Prodotti tal-enerġija rilaxxati għal konsum ***fi*** Stat Membru, miżmuma f'tankijiet standard ta' vetturi kummerċjali u intenzjonati biex jintużaw bħala fjuwil mill-istess vetturi, kif ukoll dawk f'kontejners speċjali, u intenzjonati biex jintużaw għall-operazzjoni, waqt it-trasport, tas-sistemi li għandhom dawn l-istess kontejners ma għandhomx ikunu soġġetti għal tassazzjoni ***f'ebda*** Stat	1. Prodotti tal-enerġija rilaxxati għal konsum ***fi*** Stat Membru, miżmuma f'tankijiet standard ta' vetturi kummerċjali u intenzjonati biex jintużaw bħala fjuwil mill-istess vetturi, kif ukoll dawk f'kontejners speċjali, u intenzjonati biex jintużaw għall-operazzjoni, waqt it-trasport,tas-sistemi li għandhom dawn l-istess kontejners ***għandhom jiġu ntaxxati darba fl-oriġini u*** ma għandhomx ikunu

Membru ieħor.

soġġetti għal tassazzjoni ***f'ebda*** Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 366
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal, Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26a
	Obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni - Monitoraġġ soċjali
	[sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tadotta u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jipprovdi valutazzjonijiet dettaljati tas-sitwazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija fl-Istati Membri u fis-suq tal-UE u tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq dan.
	Dak ir-Rapport għandu jinkludi l-fatti u ċ-ċifri rilevanti kollha li jkopru l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll valutazzjoni tal-effetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fuq dawk il-prezzijiet, b'enfasi speċjali fuq l-unitajiet domestiċi li jgħixu fil-kundizzjoni ta' faqar enerġetiku kif definit f'din id-Direttiva.
	F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tqis il-pożizzjonijiet inizjali differenti tal-Istati Membri u tivvaluta l-estensjonijiet possibbli tal-perjodu ta' tranżitorju u l-eżenzjonijiet. Dan għandu japplika b'mod speċifiku għal każijiet ġustifikati relatati ma' unitajiet domestiċi li jgħixu fil-kundizzjoni ta' faqar enerġetiku biex jiġi evitat qbiż inadegwat fil-prezzijiet li jista' jseħħ wara tmiem il-perjodu tranżitorju.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tuża l-kriterji stabbiliti f'din id-Direttiva biex tidentifika u tirrapporta dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi li qed jgħixu f'faqar enerġetiku.

Or. en

Emenda 367
Joachim Schuster, Alfred Sant, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, Irene Tinagli, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26a
	Obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni Ewropea - Monitoraġġ soċjali
	Fi żmien sentejn wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva u kull sentejn wara dan, il-Kummissjoni għandha tadotta u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jipprovdi valutazzjonijiet dettaljati tas-sitwazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija fl-Istati Membri u fis-suq tal-UE u tal-effetti f'din id-Direttiva.
	Ir-Rapport għandu jinkludi l-fatti u ċ-ċifri rilevanti kollha li jkopru l-iżviluppi fil-prezz tal-enerġija, kif ukoll valutazzjoni tal-effetti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta fuq dawk il-prezzijiet, b'enfasi speċjali fuq l-unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli kif definit f'din id-Direttiva.
	F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tqis il-pożizzjonijiet inizjali differenti tal-Istati Membri u tivvaluta l-estensjonijiet possibbli tal-perjodu ta' tranżitorju, it-tnaqqis immirat u l-eżenzjonijiet.
	Dan għandu japplika b'mod speċifiku għal każijiet ġustifikati relatati ma' unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli biex jiġi evitat qbiż serju fil-

prezzijiet li jista' jseħħ wara tmiem il-perjodu tranżitorju.

Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri għandha tidentifika u tirrapporta dwar in-numru ta' unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli kif ukoll dawk li jbatu minn faqar enerġetiku kif definit fid-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija (riformulazzjoni).

Or. en

Emenda 368
Joachim Schuster, Alfred Sant, Elisabetta Gualmini, Paul Tang, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 26b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 26 b
	Obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri - Monitoraġġ Soċjali
	Sal-2050 jew sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u kull sentejn wara dan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri soċjali marbuta direttament jew indirettament mal-effetti ta' din id-Direttiva.
	Tali rapport għandu jinkludi tal-inqas:
	a) il-proporzjon li jqabbel l-ammont reali ta' żieda fid-dħul li jgħaddi għall-baġit nazzjonali tal-Istati Membri b'riżultat ta' tassazzjoni fuq l-enerġija riveduta mal-ammont ta' riżorsi użati fuq miżuri soċjali li jindirizzaw l-effetti diretti jew indiretti marbuta ma' din id-direttiva;
	b) l-iżviluppi fil-prezz tal-enerġija u d-data rilevanti disponibbli li tkopri jew timmappja l-impatt fuq l-unitajiet domestiċi għal kull reġjun, għal kull unità domestika, u għal kull grupp ta' introjtu;

c) immappjar dettaljat tal-istrumenti soċjali u l-miżuri implimentati fl-Istati Membri li jindirizzaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi marbuta mal-applikazzjoni ta' din ir-reviżjoni.

Or. en

Emenda 369
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Eva Kaili, Pedro Marques, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 2(8) u l-Artikolu 5(2)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2023.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 2(8)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2023.

Or. en

Emenda 370
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 2(8) u l-Artikolu 5(2)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2023.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 2(8)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2023.

Or. en

Emenda 371
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(8) ***u l-Artikolu 5(2)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 372
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Eva Kaili, Pedro Marques, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(8) ***u l-Artikolu 5(2)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ***f'Il-Ġurnal*** Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 373
Joachim Schuster, Elisabetta Gualmini, René Repasi, Jonás Fernández, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva

Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[44].	4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[44]. ***Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat tal-esperti, is-sitwazzjoni attwali u r-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni mal-esperti.***
[44] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.	[44] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 374
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Eva Kaili, Pedro Marques, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 2(8) u*** l-Artikolu ***5(2)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***2(8)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 375
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 2(8) u*** l-Artikolu ***5(2)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***2(8)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 376
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha ***twettaq rieżami ta' din id-Direttiva u*** tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill. ***Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.***

Or. en

Emenda 377
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 378
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Irene Tinagli, Elisabetta Gualmini, Jonás Fernández, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ***ħames*** snin u għall-ewwel darba ***ħames*** snin wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ***tliet*** snin u għall-ewwel darba ***tliet*** snin wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 379
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ***ħames snin*** u għall-ewwel darba ***ħames snin*** wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ***sena*** u għall-ewwel darba ***sena*** wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 380
Claude Gruffat

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ħames snin u għall-ewwel darba ***ħames*** snin wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ħames snin u għall-ewwel darba ***tliet*** snin wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 381
Ondřej Kovařík, Olivier Chastel, Nicola Beer, Martin Hlaváček, Ivars Ijabs, Caroline Nagtegaal

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta'Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill.	Kull ħames snin u għall-ewwel darba ħames snin wara l-1 ***ta' Jannar*** 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 382
Claude Gruffat
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina ***l-livelli*** minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina ***jekk l-Artikolu 16 jenħtieġ li jiġi rivedut u jekk il-livelli*** minimi tat-tassazzjoni ***jenħtieġ li jiżdiedu jew jiġu estiżi biex jirriflettu aktar il-kontenut tal-***

elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

karbonju u t-tniġġis tal-arja tal-prodotti tal-enerġija filwaqt li jitqies l-impatt tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet fuq l-ipprezzar tal-karbonju, l-impatti distributtivi fid-dawl tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fir-rigward tal-kisba ta' tranżizzjoni ġusta, u jekk id-direttiva riveduta dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija tikkontribwixxix b'mod suffiċjenti għal ipprezzar tal-karbonju sinifikanti li jwassal għal bidla fl-imġiba, l-impatt fuq it-tnaqqis tal-gassijiet serra filwaqt li jitqies il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport***, fil-bini u fl-industrija*** u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 383
Eva Kaili

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-

valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni ***u l-objettivi rilevanti usa'*** tat-Trattati.	valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni***, l-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-konnettività ta' reġjuni u territorji mbiegħda, periferiċi u insulari b'arċipelagi mdaqqsa, l-impatt potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fuq il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u kwalunkwe distorsjoni fiha, kif ukoll l-objettivi usa' rilevanti*** tat-Trattati.

Or. en

Emenda 384
Alfred Sant, Eero Heinäluoma, Cyrus Engerer, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba, Irene Tinagli, Margarida Marques, Elisabetta Gualmini, Jonás Fernández, Eva Kaili, Pedro Marques, Pedro Silva Pereira, Costas Mavrides, Billy Kelleher, Frances Fitzgerald

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni ***u l-objettivi rilevanti usa'*** tat-Trattati.	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni***, l-impatt ta' din id-Direttiva fuq il-konnettività bl-ajru u l-benesseri ekonomiku u soċjali ta' reġjuni insulari, periferiċi u mbiegħda kif ukoll l-objettivi usa' rilevanti*** tat-Trattati.

Or. en

Emenda 385
Nicola Beer, Caroline Nagtegaal, Olivier Chastel, Ondřej Kovařík

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina l-livelli minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport***, il-kompetittività ġenerali tal-industriji tagħna,*** u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. en

Emenda 386
Lídia Pereira

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina ***l-livelli*** minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.	Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, inter alia, jeżamina ***l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-livelli*** minimi tat-tassazzjoni, l-impatt tal-innovazzjoni u tal-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, l-użu tal-elettriku fit-trasport u l-ġustifikazzjoni għall-eżenzjonijiet, it-tnaqqis u d-differenzjazzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali, il-valur reali tal-livelli minimi tat-tassazzjoni u l-objettivi rilevanti usa' tat-Trattati.

Or. pt